Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

2025/0241(COD)

13.7.2026

EMENDI
2034 - 2353

Abbozz ta' rapport
Norbert Lins
(PE787.635v01-00)

L-istabbiliment tal-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni lill-Politika Agrikola Komuni għall-perjodu mill-2028 sal-2034

Proposta għal regolament
(COM(2025)0560 – 2025/0241(COD))

Emenda 2034
Dario Nardella, André Franqueira Rodrigues, Cristina Maestre, Eric Sargiacomo, Stefano Bonaccini, Claire Fita, Marko Vešligaj, Elena Sancho Murillo, Maria Noichl, Camilla Laureti, Heléne Fritzon

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Azzjonijiet agroambjentali ***u*** klimatiċi	Azzjonijiet agroambjentali***,*** klimatiċi ***u tal-benessri tal-annimali***

Or. en

Emenda 2035
Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri ***għandhom jipprovdu*** inċentivi ***għall-azzjonijiet li ġejjin li huma ta' benefiċċju għall-klima, għall-ambjent, għas-saħħa u l-benessri*** tal-annimali u għall-forestrija sostenibbli:	1. L-Istati Membri ***jistgħu jagħtu*** inċentivi ***volontarji għal azzjonijiet agroambjentali, klimatiċi, tal-benessri*** tal-annimali u għall-forestrija sostenibbli ***li jwettqu l-bdiewa. Tali inċentivi għandhom jikkumpensaw b'mod adegwat għall-kostijiet addizzjonali, għat-telf ta' introjtu, għall-kostijiet tat-tranżazzjoni u, fejn xieraq, inċentiv suffiċjenti biex tiġi promossa l-adozzjoni ta' prattiki sostenibbli mingħajr ma tiġi mminata l-profittabbiltà tal-azjendi agrikoli. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu inċentivi għal miżuri volontarji għall-effiċjenza fl-użu tal-ilma, għat-tnaqqis tal-impronta tal-karbonju, għall-produzzjoni tal-bijogass jew għall-proċessi tal-bijoekonomija fost l-oħrajn. Ir-rispett tal-prinċipji tal-ugwaljanza u l-ekwità, mingħajr diskriminazzjoni kontra kwalunkwe produzzjoni agrikola jew trobbija tal-bhejjem li tikkonforma mar-rekwiżiti obbligatorji ambjentali u tas-sigurtà tal-ikel***:

Or. es

Ġustifikazzjoni

Il-miżuri agroambjentali għandhom ikunu volontarji, aċċettabbli u remunerati. Dawn ma għandhomx isiru obbligi moħbija jew piż addizzjonali għall-bdiewa u għal min irabbi l-bhejjem.

Emenda 2036
Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu inċentivi ***għall-azzjonijiet li ġejjin li huma ta' benefiċċju għall-klima, għall-ambjent, għas-saħħa u l-benessri tal-annimali u għall-forestrija sostenibbli:***	1. ***F'konformità mal-appoġġ li l-Istati Membri għandhom jiddedikaw għal azzjonijiet agroambjentali, klimatiċi u tal-benessri tal-annimali skont l-Artikolu 35(4)(1)(2) (ġdid) tar-Regolament (UE) 202X/XXXX [ir-Regolament dwar l-SNR],*** l-Istati Membri għandhom jipprovdu inċentivi ***għal impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda minn bdiewa attivi u minn benefiċjarji oħra, inklużi impenji għall-konverżjoni u għaż-żamma tal-biedja organika, għall-ottimizzazzjoni tal-użu tar-riżorsi, għall-estensifikazzjoni tal-produzzjoni tal-bhejjem, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3. Tali appoġġ jista' jinkludi miżuri ta' effiċjenza, bħall-ġestjoni ottimizzata tan-nitroġenu u tan-nutrijenti, il-produzzjoni u l-użu ta' fertilizzanti rinnovabbli, kif ukoll miżuri ta' estensifikazzjoni jew ta' diversifikazzjoni tal-produzzjoni, fejn ikun teknikament u ekonomikament xieraq.***

Or. en

Emenda 2037
Jessica Polfjärd

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu inċentivi ***għall-azzjonijiet li ġejjin*** li huma ta' benefiċċju għall-klima, għall-ambjent, għas-saħħa u l-benessri tal-annimali ***u għall-forestrija*** sostenibbli***:***	1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu inċentivi ***għal impenji ta' ġestjoni volontarji u tranżizzjoni volontarja lejn sistemi ta' produzzjoni reżiljenti mwettqa mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra, fil-livell tal-azjenda jew ta' parti minn azjenda,*** li huma ta' benefiċċju għall-klima, għall-ambjent, għas-saħħa u l-benessri tal-annimali***, inklużi miżuri biex jittejjeb il-benessri tal-annimali u tiġi miġġielda r-reżistenza għall-antimikrobiċi. Tali azzjonijiet jistgħu jinkludu impenji għaż-żamma jew għall-konverżjoni għall-biedja organika, għall-estensifikazzjoni tal-produzzjoni tal-bhejjem u għal azzjonijiet oħra stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafi 3 u 4. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu inċentivi għall-azzjonijiet volontarji ta' forestrija*** sostenibbli***.***

Or. en

Emenda 2038
Christine Singer, Asger Christensen, Ciaran Mullooly

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu inċentivi ***għall-azzjonijiet li ġejjin*** li huma ta' benefiċċju għall-klima, għall-ambjent, għas-saħħa u ***l-benessri*** tal-annimali u għall-forestrija sostenibbli***:***	1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu inċentivi ***għal impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra debitament ġustifikati, bħal gruppi ta' bdiewa, li huma ekonomikament attraenti, jiġġeneraw effett ċar fuq l-introjtu fil-livell tal-azjendi agrikoli, huma prattikabbli, proporzjonati u effiċjenti mill-aspett amministrattiv, u*** li huma ta' benefiċċju għall-klima, għall-ambjent, għas-saħħa u ***għall-benessri*** tal-annimali u

għall-forestrija sostenibbli***, inklużi impenji biex tinżamm il-biedja organika u l-estensifikazzjoni tal-produzzjoni tal-bhejjem, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3;***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan biex jiġi żgurat li l-bdiewa biss jirċievu l-pagamenti tal-PAK tal-Artikolu 10 (intervent f) – li huwa konsistenti biss peress li dan l-intervent għandu jiġi ffinanzjat ukoll mill-flus ta' appoġġ għall-introjtu delimitat.

Emenda 2039
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu inċentivi ***għall-azzjonijiet li ġejjin*** li huma ta' beneficċju għall-klima, għall-ambjent, għas-saħħa u ***l-benessri*** tal-annimali u għall-forestrija sostenibbli***:***	1. ***(a)*** L-Istati Membri għandhom jipprovdu inċentivi ***għal impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra debitament ġustifikati, bħal gruppi ta' bdiewa,*** li huma ta' beneficċju għall-klima, għall-ambjent, għas-saħħa u ***għall-benessri*** tal-annimali u għall-forestrija sostenibbli***, inklużi impenji biex jinżammu l-biedja organika u l-estensifikazzjoni tal-produzzjoni tal-bhejjem, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan biex jiġi żgurat li l-bdiewa biss jirċievu l-pagamenti tal-PAK tal-Artikolu 10 (intervent f) - li huwa konsistenti biss peress li dan l-intervent għandu jiġi ffinanzjat ukoll mill-flus ta' appoġġ għall-introjtu delimitat.

Emenda 2040

Charles Goerens

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu inċentivi għall-azzjonijiet li ġejjin li huma ta' benefiċċju għall-klima, għall-ambjent, għas-saħħa u ***l-benessri*** tal-annimali ***u*** għall-forestrija sostenibbli:	1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu inċentivi għall-azzjonijiet li ġejjin li huma ta' benefiċċju għall-klima, għall-ambjent, għas-saħħa u ***għall-benessri*** tal-annimali ***jew*** għall-forestrija sostenibbli***, li jikkontribwixxu għall-oqsma ta' prijorità ambjentali u klimatiċi msemmija fl-Artikolu 4***: ***permezz ta' impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra, fejn rilevanti, bħal impenji biex tiġi appoġġata l-biedja organika jew il-produzzjoni estensiva tal-bhejjem.***

Or. en

Emenda 2041
Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu inċentivi ***għall-azzjonijiet*** li ġejjin li huma ta' benefiċċju għall-klima, għall-ambjent, għas-saħħa u ***l-benessri*** tal-annimali u għall-forestrija sostenibbli:	1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu inċentivi ***u premjijiet li jikkumpensaw lill-bdiewa għall-kostijiet addizzjonali mġarrba u l-introjtu mitluf bħala riżultat tal-implementazzjoni tal-azzjonijiet*** li ġejjin li huma ta' benefiċċju għall-klima, ***għall-bijodiversità,*** għall-ambjent, għas-saħħa u ***għall-benessri*** tal-annimali u għall-forestrija sostenibbli:

Or. el

Emenda 2042

Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu inċentivi għall-azzjonijiet li ġejjin li huma ta' benefiċċju għall-klima, għall-ambjent, għas-saħħa u ***l-benessri*** tal-annimali u għall-forestrija sostenibbli:	1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu inċentivi għall-azzjonijiet li ġejjin li huma ta' benefiċċju għall-klima, għall-ambjent, ***inklużi l-agrobijodiversità, ir-reżiljenza tal-ilma u s-saħħa tal-ħamrija,*** għas-saħħa u ***għall-benessri*** tal-annimali***,*** u għall-forestrija sostenibbli***, għall-ekosistemi tal-foresti u għar-reżiljenza tagħhom***:

Or. en

Emenda 2043
Dario Nardella, André Franqueira Rodrigues, Cristina Maestre, Eric Sargiacomo, Stefano Bonaccini, Claire Fita, Marko Vešligaj, Elena Sancho Murillo, Maria Noichl, Camilla Laureti

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu inċentivi għall-azzjonijiet li ġejjin li huma ta' benefiċċju għall-klima, għall-ambjent, għas-saħħa u ***l-benessri*** tal-annimali u għall-forestrija sostenibbli:	1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu inċentivi ***li jaqbżu l-kumpens għall-kostijiet addizzjonali u għall-introjtu mitluf*** għall-azzjonijiet li ġejjin li huma ta' benefiċċju għall-klima, għall-ambjent, ***għall-bijodiversità,*** għas-saħħa u ***għall-benessri*** tal-annimali u għall-forestrija sostenibbli:

Or. en

Emenda 2044
Thomas Waitz

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu inċentivi għall-azzjonijiet li ġejjin li huma ta' benefiċċju għall-klima, għall-ambjent, għas-saħħa u ***l-benessri*** tal-annimali ***u għall-forestrija sostenibbli:***	1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu inċentivi għall-azzjonijiet li ġejjin li huma ta' benefiċċju għall-klima, għall-ambjent ***u għall-bijodiversità***, ***u fejn rilevanti għas-suġġett u kompatibbli miegħu,*** għas-saħħa u ***għall-benessri*** tal-annimali***;***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Qed nintroduċu Artikolu ġdid għal inċentivi għal azzjonijiet għas-saħħa u l-benessri tal-annimali.

Emenda 2045
Marta Wcisło

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu inċentivi għall-azzjonijiet li ġejjin li huma ta' benefiċċju għall-klima, għall-ambjent, għas-saħħa u ***l-benessri*** tal-annimali u għall-forestrija sostenibbli:	1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu ***lill-bdiewa u lill-benefiċjarji*** inċentivi għall-azzjonijiet li ġejjin li huma ta' benefiċċju għall-klima, għall-ambjent, għas-saħħa u ***għall-benessri*** tal-annimali u għall-forestrija sostenibbli ***fil-forma ta'***:

Or. en

Emenda 2046
Barry Cowen, Asger Christensen, Christine Singer, Jérémy Decerle

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu inċentivi għall-azzjonijiet li ġejjin li huma ta' benefiċċju għall-klima,	1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu inċentivi ***lil hinn mill-kost imġarrab jew mill-introjtu mitluf*** għall-

għall-ambjent, għas-saħħa u ***l-benessri*** tal-annimali u għall-forestrija sostenibbli:

azzjonijiet li ġejjin li huma ta' benefiċċju għall-klima, għall-ambjent, għas-saħħa u ***għall-benessri*** tal-annimali u għall-forestrija sostenibbli:

Or. en

Emenda 2047
Waldemar Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu inċentivi għall-azzjonijiet li ġejjin li huma ta' benefiċċju għall-klima, għall-ambjent, għas-saħħa u ***l-benessri*** tal-annimali u għall-forestrija sostenibbli:	1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu inċentivi ***għall-bdiewa u għal benefiċjarji oħra*** għal waħda jew aktar mill-azzjonijiet li ġejjin li huma ta' benefiċċju għall-klima, għall-ambjent, għas-saħħa u ***għall-benessri*** tal-annimali u għall-forestrija sostenibbli:

Or. en

Emenda 2048
Krzysztof Hetman

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu inċentivi għall-azzjonijiet li ġejjin li huma ta' benefiċċju għall-klima, għall-ambjent, għas-saħħa u ***l-benessri*** tal-annimali u għall-forestrija sostenibbli:	1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu inċentivi ***lill-bdiewa u lil benefiċjarji oħra*** għall-azzjonijiet li ġejjin li huma ta' benefiċċju għall-klima, għall-ambjent, għas-saħħa u ***għall-benessri*** tal-annimali u għall-forestrija sostenibbli:

Or. en

Emenda 2049

Heléne Fritzon

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu inċentivi għall-azzjonijiet li ġejjin li huma ta' benefiċċju għall-klima, għall-ambjent, għas-saħħa u ***l-benessri*** tal-annimali u għall-forestrija sostenibbli:	1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu inċentivi għall-azzjonijiet li ġejjin li huma ta' benefiċċju għall-klima, għall-ambjent, għas-saħħa u ***għall-benessri*** tal-annimali u ***jistgħu jipprovdu inċentivi*** għall-forestrija sostenibbli:

Or. en

Emenda 2050
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan, Arash Saeidi

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu ***inċentivi*** għall-azzjonijiet li ġejjin li huma ta' benefiċċju għall-klima, għall-ambjent, għas-saħħa u l-benessri tal-annimali u għall-forestrija sostenibbli:	1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu ***baġit delimitat iddedikat*** għall-azzjonijiet li ġejjin li huma ta' benefiċċju għall-klima, għall-ambjent, għas-saħħa u l-benessri tal-annimali u għall-forestrija sostenibbli:

Or. en

Emenda 2051
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-Istati Membri għandhom jipprovdu inċentivi għall-azzjonijiet li ġejjin li huma ta' benefiċċju għall-klima,	(1) L-Istati Membri għandhom jipprovdu inċentivi ***li jiġġeneraw il-qligħ*** għall-azzjonijiet li ġejjin li huma ta' benefiċċju għall-klima, għall-ambjent,

għall-ambjent, għas-saħħa u ***l-benessri*** tal-annimali u għall-forestrija sostenibbli:

għas-saħħa u ***għall-benessri*** tal-annimali u għall-forestrija sostenibbli:

Or. de

Emenda 2052
Pekka Toveri

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu inċentivi ***għall-azzjonijiet*** li ġejjin li huma ta' benefiċċju għall-klima, għall-ambjent, għas-saħħa u ***l-benessri*** tal-annimali u għall-forestrija sostenibbli:	1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu inċentivi ***għal waħda jew aktar mill-azzjonijiet*** li ġejjin li huma ta' benefiċċju għall-klima, għall-ambjent, għas-saħħa u ***għall-benessri*** tal-annimali u għall-forestrija sostenibbli:

Or. en

Emenda 2053
Elsi Katainen, Christine Singer, Barry Cowen, Asger Christensen, Ciaran Mullooly

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu inċentivi ***għall-azzjonijiet*** li ġejjin li huma ta' benefiċċju għall-klima, għall-ambjent, għas-saħħa u ***l-benessri*** tal-annimali u għall-forestrija sostenibbli:	1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu inċentivi ***għal waħda jew aktar mill-azzjonijiet*** li ġejjin li huma ta' benefiċċju għall-klima, għall-ambjent, għas-saħħa u ***għall-benessri*** tal-annimali u għall-forestrija sostenibbli:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Irid jiġi ċċarat li l-azzjonijiet kollha elenkati fl-Artikolu 10(1) mhumiex obbligatorji. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jagħżlu l-azzjonijiet li jixtiequ jipprovdu inċentivi għalihom fuq il-bażi tal-ħtiġijiet tagħhom stess, pereżempju fir-rigward tal-appoġġ għall-forestrija sostenibbli.

Emenda 2054
Paulo do Nascimento Cabral, Ana Miguel Pedro, Sérgio Humberto, Paulo Cunha, Sebastião Bugalho

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri ***għandhom*** jipprovdu inċentivi għall-azzjonijiet li ġejjin li huma ta' benefiċċju għall-klima, għall-ambjent, għas-saħħa u ***l-benessri*** tal-annimali u għall-forestrija sostenibbli:	1. L-Istati Membri ***jistgħu*** jipprovdu inċentivi għall-azzjonijiet li ġejjin li huma ta' benefiċċju għall-klima, għall-ambjent, għas-saħħa u ***għall-benessri*** tal-annimali u għall-forestrija sostenibbli:

Or. pt

Emenda 2055
Emma Wiesner

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu inċentivi għall-azzjonijiet li ġejjin li huma ta' benefiċċju għall-klima, għall-ambjent***,*** għas-saħħa u ***l-benessri*** tal-annimali ***u għall-forestrija sostenibbli***:	1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu inċentivi għall-azzjonijiet li ġejjin li huma ta' benefiċċju għall-klima, għall-ambjent ***u*** għas-saħħa u ***għall-benessri*** tal-annimali u ***għall-forestrija sostenibbli***:

Or. en

Emenda 2056
Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji	***imħassar***

oħra, inklużi l-impenji biex tinżamm il-biedja organika u l-estensifikazzjoni tal-produzzjoni tal-bhejjem, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3;

Or. en

Emenda 2057
Charles Goerens

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra, inklużi l-impenji biex tinżamm il-biedja organika u l-estensifikazzjoni tal-produzzjoni tal-bhejjem, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3;	***imħassar***

Or. en

Emenda 2058
Christine Singer, Ciaran Mullooly

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra, inklużi l-impenji biex tinżamm il-biedja organika u l-estensifikazzjoni tal-produzzjoni tal-bhejjem, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3;	***imħassar***

Or. en

Emenda 2059
Jessica Polfjärd

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra, inklużi l-impenji biex tinżamm il-biedja organika u l-estensifikazzjoni tal-produzzjoni tal-bhejjem, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tmexxa għall-Artikolu 10.1

Emenda 2060
Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra, inklużi l-impenji biex tinżamm il-biedja organika u l-estensifikazzjoni tal-produzzjoni tal-bhejjem, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3***;***	(a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra, inklużi l-impenji biex tinżamm il-biedja organika u l-estensifikazzjoni tal-produzzjoni tal-bhejjem, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3***: b'mod partikolari l-appoġġ għal biedja estensiva u semiestensiva tat-trobbija tal-bhejjem jirrikonoxxi l-kontribut tagħha għall-preżervazzjoni tal-bijodiversità, il-prevenzjoni tan-nirien u l-preżervazzjoni tal-ħajja f'żoni muntanjużi u f'żoni żvantaġġati;***

Or. el

Emenda 2061
Arash Saeidi, Luke Ming Flanagan, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***l-impenji*** ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra***, inklużi l-impenji*** biex tinżamm il-biedja organika u l-estensifikazzjoni ***tal-produzzjoni*** tal-bhejjem, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3;	(a) ***impenji*** ta' ġestjoni volontarji***, ibbażati fuq data xjentifika u verifikabbli,*** meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra ***li jaqbżu l-livell limitu stabbilit mir-rekwiżiti regolatorji obbligatorji. Dawn għandhom jinkludu impenji vinkolanti*** biex tinżamm il-biedja organika***, jinkiseb it-tnaqqis ta' inputs sintetiċi*** u ***tiġi implimentata*** l-estensifikazzjoni ***fil-produzzjoni*** tal-bhejjem, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3;

Or. fr

Emenda 2062
Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra, inklużi l-impenji biex ***tinżamm il-biedja*** organika u l-estensifikazzjoni tal-produzzjoni tal-bhejjem, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3;	a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa***, mis-sidien tal-foresti*** u minn benefiċjarji oħra, inklużi l-impenji biex ***jinżammu sistemi agrikoli sostenibbli rikonoxxuti mill-Istati Membri, inklużi l-biedja*** organika***, il-produzzjoni integrata, il-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija, l-effiċjenza mtejba tal-ilma*** u l-estensifikazzjoni tal-produzzjoni tal-bhejjem, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3;

Or. es

Emenda 2063

Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra, inklużi l-impenji biex tinżamm il-biedja organika u l-estensifikazzjoni tal-produzzjoni tal-bhejjem, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3;	(a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra, inklużi l-impenji biex tinżamm il-biedja organika u l-estensifikazzjoni tal-produzzjoni tal-bhejjem, ***inklużi sistemi pastorali tal-muntanji, sistemi ta' transumanza u sistemi permanenti bbażati fuq art bil-ħaxix,*** stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3;

Or. en

Emenda 2064
Jérémy Decerle, Laurence Farreng, Stéphanie Yon-Courtin, Grégory Allione, Pascal Canfin

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra, inklużi l-impenji biex ***tinżamm il-biedja*** organika u ***l-estensifikazzjoni tal-produzzjoni*** tal-bhejjem, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3;	(a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra, inklużi l-impenji biex ***jinżammu prattiki li huma ta' benefiċċju għall-ambjent u għall-klima, bħall-biedja*** organika u ***s-sistemi estensivi eżistenti tat-trobbija*** tal-bhejjem, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-appoġġ skont dan l-Artikolu huwa maħsub mhux biss biex jiffaċilita t-tranżizzjoni lejn sistemi ta' produzzjoni aktar sostenibbli, iżda wkoll biex jippreżerva l-prattiki agrikoli eżistenti li diġà jagħtu benefiċċji f'termini tal-ambjent, tal-klima, tal-bijodiversità jew tal-benessri tal-annimali. Hija wkoll kwistjoni li tiġi ċċarata r-relazzjoni bejn il-paragrafu 1(a), li għandu l-għan li jżomm sistemi estensivi ta' trobbija tal-bhejjem, u l-paragrafu 1(b), li jiffoka fuq l-estensifikazzjoni tas-sistemi tat-trobbija tal-bhejjem.

Emenda 2065
Raffaele Stancanelli, Isabella Tovaglieri, Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Barbara Bonte, Mireia Borrás Pabón, Csaba Dömötör, Tomáš Kubín, Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra, inklużi l-impenji biex ***tinżamm il-biedja*** organika u ***l-estensifikazzjoni tal-produzzjoni*** tal-bhejjem, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3;	(a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra, inklużi l-impenji biex ***jinżammu l-biedja*** organika***, metodi ċċertifikati oħra ta' produzzjoni sostenibbli rikonoxxuti fil-livell tal-Istati Membri*** u ***l-produzzjoni estensiva*** tal-bhejjem, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3;

Or. en

Emenda 2066
Carlo Fidanza, Waldemar Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa ***u minn benefiċjarji oħra***, inklużi l-impenji biex ***tinżamm il-biedja*** organika u ***l-estensifikazzjoni tal-produzzjoni*** tal-bhejjem, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3;	(a) ***(a)*** l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa, inklużi l-impenji biex ***jinżammu l-biedja*** organika***, metodi kwalifikati oħra ta' produzzjoni sostenibbli, inklużi dawk iċċertifikati fil-livell tal-Istati Membri,*** u ***l-produzzjoni estensiva*** tal-bhejjem, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din id-dispożizzjoni għandha tapplika wkoll għal metodi oħra ta' produzzjoni sostenibbli rikonoxxuti mill-Istati Membri.

Emenda 2067
Jessika van Leeuwen, Sander Smit, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra, inklużi l-impenji biex tinżamm il-biedja organika ***u l-estensifikazzjoni tal-produzzjoni*** tal-bhejjem, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3;	(a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra, inklużi l-impenji biex tinżamm il-biedja organika***, l-adozzjoni ta' prattiki u teknoloġiji innovattivi, u ż-żieda fis-sostenibbiltà*** tal-bhejjem, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3;

Or. en

Emenda 2068
Asger Christensen, Christine Singer, Jérémy Decerle, Barry Cowen

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra, inklużi l-impenji biex tinżamm il-biedja organika u l-estensifikazzjoni tal-produzzjoni tal-bhejjem, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3;	(a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra, inklużi l-impenji biex tinżamm il-biedja organika u l-estensifikazzjoni tal-produzzjoni tal-bhejjem, ***u metodi sostenibbli oħra ta' ġestjoni tal-mergħat u tar-ragħa*** stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3;

Or. en

Emenda 2069
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra, inklużi l-impenji biex tinżamm il-biedja organika u ***l-estensifikazzjoni*** tal-produzzjoni tal-bhejjem, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3;	(a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra, inklużi l-impenji biex tinżamm il-biedja organika u ***l-agroekoloġija, bħall-estensifikazzjoni*** tal-produzzjoni tal-bhejjem***, u prattiki akroekoloġiċi oħra***, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3;

Or. en

Emenda 2070
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan, Arash Saeidi

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra, inklużi l-impenji biex tinżamm ***il-biedja*** organika u l-estensifikazzjoni tal-produzzjoni tal-bhejjem, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3;	(a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra, inklużi l-impenji biex tinżamm ***jew tiġi estiża l-biedja*** organika u l-estensifikazzjoni tal-produzzjoni tal-bhejjem, ***inkluż it-tnaqqis tad-densitajiet tat-trobbija,*** stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3;

Or. en

Emenda 2071
Ciaran Mullooly, Michael McNamara

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra, inklużi l-impenji biex tinżamm il-biedja organika u l-estensifikazzjoni tal-	(a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra, inklużi l-impenji biex tinżamm il-biedja organika u l-estensifikazzjoni tal-produzzjoni tal-bhejjem, ***inklużi sistemi ta'***

produzzjoni tal-bhejjem, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3;	***produzzjoni tal-bhejjem ibbażati fuq il-ħaxix*** stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3;

Or. en

Emenda 2072
Marta Wcisło

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra, ***inklużi*** l-impenji biex tinżamm il-biedja organika ***u l-estensifikazzjoni tal-produzzjoni tal-bhejjem***, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3;	(a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra, l-impenji biex tinżamm il-biedja organika, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3; ***Dawn l-impenji jistgħu jinkludu sistemi estensivi ta' produzzjoni tal-bhejjem jew konverżjoni għall-biedja organika.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa meħtieġ li jiżdied il-kliem "bdiewa u benefiċjarji oħra", bl-istess mod bħal fil-perjodu ta' programmazzjoni attwali. Għandu jkun hemm il-possibbiltà li jiġu pprovduti inċentivi mhux biss lill-bdiewa, iżda wkoll lil benefiċjarji oħra ta' azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi.

Emenda 2073
Krzysztof Hetman

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra, ***inklużi*** l-impenji biex tinżamm il-biedja organika ***u l-estensifikazzjoni tal-***	(a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra, l-impenji biex tinżamm il-biedja organika, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3***. Dawn l-***

produzzjoni tal-bhejjem, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3***;***	***impenji jistgħu jinkludu sistemi estensivi ta' produzzjoni tal-bhejjem jew konverżjoni għall-biedja organika.***

Or. en

Emenda 2074
Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra, inklużi l-impenji biex tinżamm il-biedja organika ***u*** l-estensifikazzjoni tal-produzzjoni tal-bhejjem, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3;	(a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra, inklużi l-impenji biex tinżamm il-biedja organika***,*** l-estensifikazzjoni tal-produzzjoni tal-bhejjem ***u s-sistemi tat-trobbija tal-bhejjem estensivi eżistenti***, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3;

Or. fr

Emenda 2075
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra, inklużi l-impenji biex tinżamm il-biedja organika u l-estensifikazzjoni tal-produzzjoni tal-bhejjem, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3***;***	(a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa***, mis-sidien tal-foresti*** u minn benefiċjarji oħra, inklużi l-impenji biex tinżamm il-biedja organika***, l-agroekoloġija, il-proforestazzjoni*** u l-estensifikazzjoni tal-produzzjoni tal-bhejjem, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3

Or. en

Emenda 2076
Paulo do Nascimento Cabral, Ana Miguel Pedro, Sérgio Humberto, Paulo Cunha, Sebastião Bugalho

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra, inklużi l-impenji biex tinżamm il-biedja organika u l-estensifikazzjoni tal-produzzjoni tal-bhejjem, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3;	(a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra ***bħall-kooperattivi***, inklużi l-impenji biex tinżamm il-biedja organika u l-estensifikazzjoni tal-produzzjoni tal-bhejjem, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3;

Or. pt

Emenda 2077
Stefan Köhler, Marion Walsmann, Lena Düpont

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra, inklużi l-impenji biex tinżamm il-biedja organika u l-estensifikazzjoni tal-produzzjoni tal-bhejjem, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3;	(a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra, inklużi l-impenji biex tinżamm il-biedja organika***, jiġi ottimizzat l-użu tar-riżorsi*** u l-estensifikazzjoni tal-produzzjoni tal-bhejjem, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3;

Or. en

Emenda 2078
Cristina Maestre, Elena Sancho Murillo

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra, inklużi l-impenji biex tinżamm il-biedja organika u l-estensifikazzjoni tal-produzzjoni tal-bhejjem, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3;	(a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa***, mill-kooperattivi*** u minn benefiċjarji oħra, inklużi l-impenji biex tinżamm il-biedja organika u l-estensifikazzjoni tal-produzzjoni tal-bhejjem, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3;

Or. en

Emenda 2079
Luis-Vicențiu Lazarus

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra, inklużi l-impenji biex tinżamm il-biedja organika u l-estensifikazzjoni tal-produzzjoni tal-bhejjem, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3;	(a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra ***(inklużi l-kooperattivi)***, inklużi l-impenji biex tinżamm il-biedja organika u l-estensifikazzjoni tal-produzzjoni tal-bhejjem, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3;

Or. en

Emenda 2080
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra, inklużi l-impenji biex tinżamm il-biedja organika u l-estensifikazzjoni tal-produzzjoni tal-bhejjem, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3;	(a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra ***inklużi l-kooperattivi***, inklużi l-impenji biex tinżamm il-biedja organika u l-estensifikazzjoni tal-produzzjoni tal-bhejjem, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3;

Or. ro

Emenda 2081
Barry Cowen, Asger Christensen, Emma Wiesner, Christine Singer, Elsi Katainen, Jérémy Decerle

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra, inklużi l-impenji biex tinżamm il-biedja organika u l-estensifikazzjoni tal-produzzjoni tal-bhejjem, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3;	(a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra, inklużi l-impenji biex tinżamm il-biedja organika u l-estensifikazzjoni tal-produzzjoni tal-bhejjem ***jew il-produzzjoni tal-bhejjem ibbażata fuq il-mergħat***, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3;

Or. en

Emenda 2082
Ton Diepeveen, Barbara Bonte, Mireia Borrás Pabón, Tomáš Kubín, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra, inklużi l-impenji biex tinżamm il-biedja organika ***u l-estensifikazzjoni tal-produzzjoni tal-bhejjem,*** stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3;	(a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra, inklużi l-impenji biex tinżamm il-biedja organika stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3;

Or. en

Emenda 2083
Waldemar Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra, inklużi l-impenji biex tinżamm il-biedja organika ***u l-estensifikazzjoni tal-produzzjoni tal-bhejjem***, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3;	(a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra, inklużi l-impenji biex tinżamm il-biedja organika, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3;

Or. en

Emenda 2084
Maria Walsh

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra, inklużi l-impenji biex tinżamm il-biedja organika ***u l-estensifikazzjoni tal-produzzjoni tal-bhejjem***, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3;	(a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra, inklużi l-impenji biex tinżamm il-biedja organika, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3;

Or. en

Emenda 2085
Bert-Jan Ruissen

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra, inklużi l-impenji biex tinżamm il-biedja organika ***u l-estensifikazzjoni tal-produzzjoni tal-bhejjem***, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3;	(a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra, inklużi l-impenji biex tinżamm il-biedja organika, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-finanzjament tal-PAK li għandu l-għan li jtejjeb il-prestazzjoni ambjentali u klimatika għandu jiffoka fuq il-kisba tar-riżultati, filwaqt li jippermetti lill-Istati Membri jagħżlu l-aktar strumenti effettivi. L-objettivi ambjentali u klimatiċi jistgħu jintlaħqu permezz ta' perkorsi differenti, inklużi l-innovazzjoni, l-iżvilupp teknoloġiku u prattiki ta' ġestjoni mtejba. Iż-żamma tal-flessibbiltà tiżgura li l-politiki jinċentivaw il-prestazzjoni u l-effettività aktar milli jippreskrivu mudell ta' produzzjoni uniku.

Emenda 2086
Eric Sargiacomo, Claire Fita

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra, inklużi l-impenji biex tinżamm il-biedja organika u ***l-estensifikazzjoni tal-produzzjoni*** tal-bhejjem, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3;	(a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra, inklużi l-impenji biex tinżamm il-biedja organika u ***biex jinżammu s-sistemi estensivi eżistenti tat-trobbija*** tal-bhejjem, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-formulazzjoni attwali toħloq ambigwità billi torbot "iż-żamma tat-trobbija estensiva tal-bhejjem" u "l-estensifikazzjoni" fl-istess paragrafu (1a), minkejja li dawn iż-żewġ approċċi jikkorrispondu għal objettivi u mekkaniżmi ta' appoġġ distinti. Iż-żamma ta' sistemi estensivi diġà stabbiliti (ragħa, art bil-ħaxix permanenti, pastoraliżmu) taqa' taħt l-appoġġ mogħti bħala impenji ta' ġestjoni (1a) u ma għandhiex tkun kundizzjonali fuq perkors ta' trasformazzjoni.

Emenda 2087
Tomáš Kubín, Barbara Bonte, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji	(a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji

oħra, ***inklużi l-impenji*** biex tinżamm il-biedja organika u l-estensifikazzjoni tal-produzzjoni tal-bhejjem, stabbiliti ***u*** implimentati f'konformità mal-paragrafu 3;	oħra, ***bħall-impenji*** biex tinżamm il-biedja organika u l-estensifikazzjoni tal-produzzjoni tal-bhejjem, stabbiliti ***jew*** implimentati f'konformità mal-paragrafu 3;

Or. en

Emenda 2088
Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa ***u minn benefiċjarji oħra***, inklużi l-impenji biex tinżamm il-biedja organika u l-estensifikazzjoni tal-produzzjoni tal-bhejjem, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3;	(a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa, inklużi l-impenji biex tinżamm il-biedja organika u l-estensifikazzjoni tal-produzzjoni tal-bhejjem, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3;

Or. fr

Emenda 2089
Dario Nardella, André Franqueira Rodrigues, Cristina Maestre, Eric Sargiacomo, Stefano Bonaccini, Claire Fita, Elena Sancho Murillo, Maria Noichl

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra, inklużi l-impenji biex tinżamm il-biedja organika u ***l-estensifikazzjoni tal-produzzjoni*** tal-bhejjem, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3;	(a) l-impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra, inklużi l-impenji biex tinżamm il-biedja organika u ***l-produzzjoni estensiva*** tal-bhejjem, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3;

Or. en

Emenda 2090

André Franqueira Rodrigues

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-impenji ta' ġestjoni ***volontarji*** meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra, inklużi l-impenji biex tinżamm il-biedja organika u l-estensifikazzjoni tal-produzzjoni tal-bhejjem, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3;	(a) l-impenji ta' ġestjoni meħuda mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra, inklużi l-impenji biex tinżamm il-biedja organika u l-estensifikazzjoni tal-produzzjoni tal-bhejjem, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3;

Or. pt

Ġustifikazzjoni

Dawn l-impenji għandhom ikunu obbligatorji.

Emenda 2091
Sebastian Everding, Anja Hazekamp, Arash Saeidi

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) it-tranżizzjoni fit-tul lejn agrikoltura bbażata fuq il-pjanti, inklużi l-espansjoni sostenibbli tal-produzzjoni, tal-ipproċessar u tal-kummerċjalizzazzjoni tal-proteini tal-pjanti għall-konsum mill-bniedem sabiex tissaħħaħ is-sigurtà tal-ikel, tittejjeb l-effiċjenza fir-riżorsi u jingħata kontribut għall-objettivi klimatiċi u tas-saħħa.

Or. en

Emenda 2092
Luis-Vicențiu Lazarus

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) Il-pagamenti ta' inċentiv imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom imorru lil hinn mill-kostijiet addizzjonali u mill-introjtu mitluf.

Or. en

Emenda 2093
Paulo do Nascimento Cabral, Ana Miguel Pedro, Sérgio Humberto, Paulo Cunha, Sebastião Bugalho

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-tranżizzjoni volontarja lejn sistemi ta' produzzjoni reżiljenti mwettqa mill-bdiewa fil-livell tal-azjenda jew għal parti minn azjenda, inklużi l-konverżjoni għall-biedja organika u l-estensifikazzjoni tas-sistemi ta' produzzjoni tal-bhejjem, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 4.	***imħassar***

Or. pt

Emenda 2094
Christine Singer, Ciaran Mullooly

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-tranżizzjoni volontarja lejn sistemi ta' produzzjoni reżiljenti mwettqa mill-bdiewa fil-livell tal-azjenda jew għal parti minn azjenda, inklużi l-konverżjoni għall-biedja organika u l-estensifikazzjoni tas-sistemi ta' produzzjoni tal-bhejjem, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 4.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2095
Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-tranżizzjoni volontarja lejn sistemi ta' produzzjoni reżiljenti mwettqa mill-bdiewa fil-livell tal-azjenda jew għal parti minn azjenda, inklużi l-konverżjoni għall-biedja organika u l-estensifikazzjoni tas-sistemi ta' produzzjoni tal-bhejjem, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 4.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2096
Jessica Polfjärd

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-tranżizzjoni volontarja lejn sistemi ta' produzzjoni reżiljenti mwettqa mill-bdiewa fil-livell tal-azjenda jew għal parti minn azjenda, inklużi l-konverżjoni għall-biedja organika u l-estensifikazzjoni tas-sistemi ta' produzzjoni tal-bhejjem, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 4.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tmexxa għall-Artikolu 10.1

Emenda 2097
Krzysztof Hetman

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-tranżizzjoni volontarja lejn sistemi ta' produzzjoni reżiljenti mwettqa mill-bdiewa fil-livell tal-azjenda jew għal parti minn azjenda, inklużi l-konverżjoni għall-biedja organika u l-estensifikazzjoni tas-sistemi ta' produzzjoni tal-bhejjem, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 4.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2098
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Cristina Guarda

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-tranżizzjoni volontarja lejn sistemi ta' produzzjoni reżiljenti mwettqa ***mill-bdiewa*** fil-livell tal-azjenda jew għal parti minn azjenda, inklużi l-konverżjoni għall-biedja organika u ***l-estensifikazzjoni*** tas-sistemi ta' produzzjoni tal-bhejjem, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 4.	(b) it-tranżizzjoni volontarja lejn sistemi ta' produzzjoni ***agroekoloġiċi,*** reżiljenti ***u diversifikati*** mwettqa ***minn grupp ta' bdiewa li jipparteċipaw f'inizjattivi territorjali bħall-bijodistretti, jew minn bdiewa individwali*** fil-livell tal-azjenda jew għal parti minn azjenda, inklużi l-konverżjoni għall-biedja organika u ***prattiki agroekoloġiċi oħra bħall-estensifikazzjoni*** tas-sistemi ta' produzzjoni tal-bhejjem***, inkluż l-abbandun tat-trobbija fil-gaġeġ, u d-diversifikazzjoni inkluż għal żieda fil-produzzjoni tal-proteini tal-pjanti u tal-legumi, inkluża r-rotazzjoni***, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 4. ***It-tranżizzjoni lejn sistemi ta' produzzjoni reżiljenti għandha tfisser disinn mill-ġdid***

sinifikanti ta' agroekosistema jew ta' parti minnha, f'ċertu perjodu ta' żmien, lil hinn minn aġġustamenti inkrementali u iżolati għal prattiki li jeżistu diġà.

Or. en

Emenda 2099
Dario Nardella, André Franqueira Rodrigues, Cristina Maestre, Stefano Bonaccini, Marko Vešligaj, Elena Sancho Murillo, Maria Noichl

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[16] Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/848/oj).

Or. en

Emenda 2150
Marta Wcisło

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kull Stat Membru ***għandu*** jipprovdi appoġġ għall-biedja organika ċċertifikata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u sistemi estensivi ta'	2. Kull Stat Membru ***jista'*** jipprovdi appoġġ għall-biedja organika ċċertifikata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u sistemi estensivi ta' produzzjoni

produzzjoni tal-bhejjem skont iż-żewġ forom ta’ azzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

[16] Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta’ Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta’ prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/848/oj).

tal-bhejjem skont iż-żewġ forom ta’ azzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

[16] Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta’ Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta’ prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/848/oj).

Or. en

Emenda 2151
Arash Saeidi, Luke Ming Flanagan, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw l-ammont ta’ appoġġ għall-azzjonijiet ta’ żamma u ta’ tranżizzjoni msemmija fl-Artikolu 10(1), il-punti (a) u (b), ta’ dan ir-Regolament abbażi tal-kostijiet reali tat-tranżizzjoni, inkluż it-telf ta’ introjtu matul il-perjodu tal-konverżjoni, il-kostijiet tal-investiment u l-kostijiet taċ-ċertifikazzjoni verifikabbli. L-ammont annwali ta’ appoġġ għall-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), ma jistax ikun inqas minn [EUR 300] għal kull ettaru eliġibbli. L-ammont annwali ta’ appoġġ għall-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), ma jistax ikun inqas minn [EUR 500] għal kull ettaru eliġibbli. Għall-azjendi agrikoli b’żona agrikola utilizzata ta’ mhux aktar minn 50 ettaru, l-ammont totali ta’ appoġġ ma jistax ikun inqas minn [EUR 100 000] għal kull perjodu ta’ programmazzjoni.

Or. fr

Emenda 2152
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Istati Membri għandhom jiddeskrivu kif l-allokazzjoni tal-appoġġ għall-biedja organika taħt iż-żewġ forom ta' azzjoni fil-paragrafu 1 tikkontribwixxi għall-Pjan Nazzjonali ta' Azzjoni Organika tagħhom u l-mira għall-art agrikola taħt biedja organika u jistmaw sa liema punt l-appoġġ huwa ta' benefiċċju għall-kapaċità tal-Istati Membri li jilħqu l-mira. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-appoġġ li jirċievu l-bdiewa organiċi jiżdied meta mqabbel mal-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti u jkun ibbażat fuq tkabbir ambizzjuż u realistiku tas-settur. Dan it-tkabbir għandu jiġi evalwat bi strumenti ta' politika komprensivi stabbiliti kif deskritt fil-Pjan Nazzjonali ta' Azzjoni Organika.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fil-perjodu ta' programmazzjoni li għaddej bħalissa, diversi Stati Membri diġà naqqsu l-appoġġ għall-konverżjoni u/jew għall-manutenzjoni li joħloq riskju li jiddestabbilizza s-settur.

Emenda 2153
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. F'konformità mal-appoġġ li l-Istati Membri għandhom jiddedikaw għal azzjonijiet agroambjentali, klimatiċi u tal-

benessri tal-annimali skont l-Artikolu 35(4)(1)(2) ġdid) tar-Regolament (UE) 202X/XXXX [ir-Regolament dwar l-SNR], l-Istati Membri jistgħu jipprovdu inċentivi għal impenji ta' ġestjoni volontarji meħuda minn bdiewa attivi u minn benefiċjarji oħra, inklużi impenji għall-konverżjoni għall-biedja organika u ż-żamma tagħha, l-ottimizzazzjoni tal-użu tar-riżorsi, l-estensifikazzjoni tal-produzzjoni tal-bhejjem, stabbiliti u implimentati f'konformità mal-paragrafu 3.

Or. en

Emenda 2154
Carlo Fidanza, Waldemar Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Mingħajr preġudizzju għall-appoġġ għall-biedja organika ċċertifikata skont ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-miżuri implimentati biex jittaffew u jiġu indirizzati l-kriżijiet kif imsemmi fir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-Istati Membri għandhom jagħtu appoġġ biss għall-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 li ma jikkontribwux għat-tnaqqis tal-potenzjal tal-produzzjoni tal-azjenda.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-miżuri agroambjentali ma għandhomx ikunu għad-detriment tas-sigurtà tal-ikel; hemm modi alternattivi ta' azzjoni, bħall-investiment f'teknoloġiji bi skop doppju li jnaqqsu l-impatti ambjentali u klimatiċi filwaqt li jżommu u/jew iżidu l-produttività.

Emenda 2155
Krzysztof Hetman

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Bl-eċċezzjoni ta' appoġġ għall-biedja organika ċċertifikata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u miżuri implimentati bil-għan li jtaffu u jirrispondu għall-kriżijiet imsemmija fir-Regolament (UE) 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-Istati Membri għandhom jagħtu appoġġ biss għall-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 li ma jikkontribwux għal tnaqqis fil-kapaċità tal-produzzjoni tal-azjenda agrikola.

Or. pl

Emenda 2156
Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Bl-eċċezzjoni tal-appoġġ għall-biedja organika ċċertifikata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-miżuri implimentati għall-mitigazzjoni u r-rispons għall-kriżijiet imsemmija fir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-Istati Membri għandhom jagħtu appoġġ biss għall-azzjonijiet elenkati fil-paragrafu 1 li ma jikkontribwux għat-tnaqqis tal-potenzjal tal-produzzjoni tal-azjenda agrikola.

Or. fr

Emenda 2157
Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-pagamenti mogħtija skont il-paragrafu 1 għandu jkollhom effett ta' inċentiv reali u jistgħu jaqbżu l-kostijiet addizzjonali, l-introjtu mitluf u l-kostijiet tat-tranżazzjoni fejn meħtieġ biex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni tal-bdiewa u ta' benefiċjarji oħra f'azzjonijiet li jwasslu għal benefiċċji klimatiċi, ambjentali, tas-saħħa tal-annimali jew tal-pjanti, tal-effiċjenza fl-użu tal-ilma jew tar-reżiljenza territorjali.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Il-miżuri agroambjentali għandhom ikunu attraenti, sempliċi u ekonomikament vijabbli. Jekk ikopru biss il-kostijiet u l-introjtu mitluf, mhux dejjem joħolqu biżżejjed inċentivi għall-bdiewa u għall-kooperattivi biex jieħdu impenji addizzjonali.

Emenda 2158
Dario Nardella, Cristina Maestre, Stefano Bonaccini, Marko Vešligaj, Elena Sancho Murillo

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Mingħajr preġudizzju għall-appoġġ għall-biedja organika ċċertifikata skont ir-Regolament (UE) 2018/848 u għall-miżuri implimentati biex jittaffew u jiġu indirizzati l-kriżijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013, l-Istati Membri għandhom jagħtu appoġġ biss għall-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafu

1 li ma jirriżultawx fi tnaqqis tal-potenzjal produttiv tal-azjenda agrikola.

Or. en

Emenda 2159
Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Istati Membri għandhom ifasslu jew jaġġornaw pjanijiet ta' ġestjoni sostenibbli tal-mergħat, bil-għan li jipproteġu l-ħamrija, il-bijodiversità, il-kapaċità tal-produzzjoni u r-reżiljenza tal-farms tal-bhejjem.

Or. el

Emenda 2160
Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. L-appoġġ skont dan l-Artikolu għandu jitfassal b'tali mod li jikkontribwixxi għall-objettivi klimatiċi u ambjentali mingħajr, sakemm ma jkunx hemm deċiżjoni volontarja u kkumpensata kif xieraq tal-benefiċjarju, ma dan isarraf fi tnaqqis awtomatiku tal-kapaċità produttiva jew tal-vijabbiltà ekonomika tal-azjenda. L-Istati Membri għandhom, fejn xieraq, jipprijoritizzaw soluzzjonijiet li jagħmluha possibbli li titnaqqas l-impronta ambjentali u klimatika billi jżommu jew itejbu r-reżiljenza, il-produttività u l-profittabbiltà tal-azjendi agrikoli.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Is-sostenibbiltà għandha tkun kompatibbli mas-sigurtà tal-ikel, il-profittabbiltà u l-kontinwità tal-attività agrikola.

Emenda 2161
Christine Singer, Barry Cowen, Ciaran Mullooly

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-impenji ta' ġestjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), jistgħu jkunu annwali jew pluriennali u jista' jkollhom b'mod partikolari l-objettivi li ġejjin:	3. L-impenji ta' ġestjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), jistgħu jkunu annwali jew pluriennali u ***għandhom jiżguraw effett ċar u tanġibbli fuq l-introjtu fil-livell tal-azjenda agrikola, filwaqt li jkunu sempliċi, prattikabbli u integrati fil-produzzjoni agrikola. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tali impenji jkunu volontarji, ekonomikament attraenti, u mfassla f'sett limitat u koerenti ta' miżuri, li jkunu komparabbli fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni, faċli biex jiġu implimentati f'tipi differenti ta' azjendi agrikoli, inklużi sistemi bbażati fuq art bil-ħaxix, u effiċjenti mill-aspett amministrattiv, inkluż permezz ta' sistemi ta' monitoraġġ li jimminimizzaw il-kontrolli fuq il-post. Tali impenji*** jista', b'mod partikolari, jkollhom l-objettivi li ġejjin:

Or. en

Emenda 2162
Eric Sargiacomo, Claire Fita

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

3. L-impenji ta' ġestjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), jistgħu jkunu annwali jew pluriennali ***u jista' jkollhom b'mod partikolari l-objettivi li ġejjin:***	3. L-impenji ta' ġestjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), jistgħu jkunu annwali jew pluriennali***. Għal impenji li jinvolvu bidliet sistemiċi fil-prattiki tal-biedja (inkluż l-manutenzjoni tal-biedja organika, il-ġestjoni estensiva tar-ragħa u s-sistemi agroekoloġiċi), id-durata għandha tkun minimu ta' 5 snin. L-impenji annwali jistgħu jeżistu b'mod komplementari għal prattiki mmirati iżda ma għandhomx jissostitwixxu impenji sistemiċi pluriennali.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-impenji annwali mhumiex biżżejjed biex jappoġġjaw b'mod effettiv it-tranżizzjonijiet agroekoloġiċi sistemiċi. Il-benefiċċji ambjentali tal-iskemi AECA bbażati fuq is-sistema (il-ħamrija, il-bijodiversità, il-kwalità tal-ilma) huma kumulattivi u jsiru evidenti biss wara diversi snin ta' impenn kontinwu.

Emenda 2163
Stefan Köhler, Marion Walsmann, Norbert Lins, Lena Düpont

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-impenji ta' ġestjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), jistgħu jkunu annwali jew pluriennali ***u*** jista' jkollhom b'mod partikolari l-objettivi li ġejjin:	3. L-impenji ta' ġestjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), jistgħu jkunu annwali jew pluriennali***. L-impenji ta' ġestjoni li l-objettiv primarju tagħhom huwa l-bijodiversità jew il-konservazzjoni tal-ħabitat għandhom bħala regola jkunu pluriennali; l-impenji annwali għandhom ikunu permessi biss meta jkunu ekoloġikament ekwivalenti u debitament ġustifikati. L-impenji ta' ġestjoni*** jista' jkollhom b'mod partikolari l-objettivi li ġejjin:

Or. en

Emenda 2164
Barry Cowen, Asger Christensen, Michal Wiezik, Christine Singer, Jérémy Decerle

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-impenji ta' ġestjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), jistgħu jkunu annwali jew pluriennali ***u*** jista' jkollhom b'mod partikolari l-objettivi li ġejjin:	3. L-impenji ta' ġestjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), jistgħu jkunu annwali jew pluriennali***, u jistgħu jipprevedu primjums ta' lealtà meta l-benefiċjarji jġeddu jew jestendu l-impenji tagħhom lil hinn mill-perjodu inizjali. Dawk l-impenji*** jista' jkollhom b'mod partikolari l-objettivi li ġejjin:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dawk investiti kontinwament f'Azzjonijiet Agroambjentali u Klimatiċi għandhom jiġu ppremjati aħjar għall-isforz tagħhom.

Emenda 2165
Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-impenji ta' ġestjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), jistgħu jkunu annwali jew pluriennali u jista' jkollhom b'mod partikolari l-objettivi li ġejjin:	3. L-impenji ta' ġestjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), jistgħu jkunu annwali jew pluriennali u ***jiżguraw effett ċar u tanġibbli fuq l-introjtu fil-livell tal-azjenda***. Jista' jkollhom b'mod partikolari l-objettivi li ġejjin:

Or. es

Emenda 2166
Vilis Krištopans

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-impenji ta' ġestjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), jistgħu jkunu annwali jew pluriennali ***u*** jista' jkollhom b'mod partikolari l-objettivi li ġejjin:	3. L-impenji ta' ġestjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), jistgħu jkunu annwali jew pluriennali ***u jiżguraw effett ċar u tanġibbli fuq l-introjtu fil-livell tal-azjenda. B'mod partikolari,*** jista' jkollhom b'mod partikolari l-objettivi li ġejjin:

Or. en

Emenda 2167
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-impenji ta' ġestjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), jistgħu ***jkunu*** annwali jew pluriennali u jista' jkollhom b'mod partikolari l-objettivi li ġejjin:	3. L-impenji ta' ġestjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), jistgħu***, skont it-tip ta' impenn, ikunu*** annwali jew pluriennali u jista' jkollhom b'mod partikolari l-objettivi li ġejjin:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-PSNR għandu jiddefinixxi b'mod ċar, abbażi tal-objettiv u tat-tip ta' impenn, it-tul minimu ta' impenn. Jekk l-objettiv huwa li jinħolqu kundizzjonijiet tas-sit għar-ritorn ta' xi għasafar tar-raba', dan għandu jkun impenn annwali li l-bidwi jista' ma jġeddidx, peress li jkun mod ineffettiv ħafna ta' kif jintefqu l-flus pubbliċi, peress li l-fawna verament ma tirreaġixxix għall-bidla fi żmien sena.

Emenda 2168
Marta Wcisło

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

3. L-impenji ta’ ġestjoni msemmija fil-paragrafu 1***, il-punt (a)***, jistgħu jkunu annwali jew pluriennali u jista’ jkollhom b’mod partikolari l-objettivi li ġejjin:	3. L-impenji ta’ ġestjoni msemmija fil-paragrafu 1, jistgħu jkunu annwali jew pluriennali u jista’ jkollhom b’mod partikolari l-objettivi li ġejjin:

Or. en

Emenda 2169
Krzysztof Hetman

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-impenji ta’ ġestjoni msemmija fil-paragrafu 1***, il-punt (a),*** jistgħu jkunu annwali jew pluriennali u jista’ jkollhom b’mod partikolari l-objettivi li ġejjin:	3. L-impenji ta’ ġestjoni msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jkunu annwali jew pluriennali u jista’ jkollhom b’mod partikolari l-objettivi li ġejjin:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Aġġustament tekniku għall-emendi introdotti fil-paragrafu 1 – bidla fir-referenza.

Emenda 2170
Veronika Vrecionová

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-protezzjoni tal-kwalità tal-ilma u t-tnaqqis tal-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-ilma, il-protezzjoni tal-ħamrija, il-ġestjoni tan-nutrijenti, il-konservazzjoni tal-bijodiversità, inklużi ***l-karatteristiċi*** tal-pajsaġġ u t-tnaqqis tal-użu tal-pestiċidi;	(a) il-protezzjoni tal-kwalità tal-ilma u t-tnaqqis tal-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-ilma, il-protezzjoni tal-ħamrija, il-ġestjoni tan-nutrijenti, il-konservazzjoni tal-bijodiversità, inklużi ***l-appoġġ għal taħlitiet ta’ għelejjel ta’ kopertura rikki fl-ispeċijiet u newbiet tal-għelejjel varji li jikkontribwixxu għas-saħħa tal-ħamrija, għall-bijodiversità u għaż-żamma tal-ilma, inklużi l-karatteristiċi*** tal-pajsaġġ u t-tnaqqis tal-użu tal-pestiċidi ***u***

investimenti f'teknoloġiji agrikoli ta' konservazzjoni, bħal ħdim tar-raba' mingħajr ħrit, fi strixxi, bi żrigħ dirett u sistemi oħra ta' kultivazzjoni għall-konservazzjoni tal-ħamrija;

Or. en

Emenda 2171
Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-protezzjoni tal-kwalità tal-ilma u t-tnaqqis tal-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-ilma, il-protezzjoni tal-ħamrija, il-ġestjoni tan-nutrijenti, il-konservazzjoni tal-bijodiversità, inklużi l-karatteristiċi tal-pajsaġġ u t-tnaqqis tal-użu tal-pestiċidi;	(a) il-protezzjoni tal-kwalità tal-ilma u t-tnaqqis tal-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-ilma, il-protezzjoni tal-ħamrija, il-ġestjoni tan-nutrijenti, il-konservazzjoni tal-bijodiversità, inklużi l-karatteristiċi tal-pajsaġġ u t-tnaqqis tal-użu tal-pestiċidi***, il-protezzjoni u r-restawr ta' pollinaturi selvaġġi u ġestiti u tal-ħabitats tal-pollinaturi, permezz ta' appoġġ għal prattiki tal-biedja favur il-pollinaturi, l-istabbiliment u ż-żamma ta' karatteristiċi tal-pajsaġġ varji, bħal żoni ta' fjoritura pluriennali b'perjodi ta' fjoritura mifruxa, ringieli ta' sġajriet, strixxi kontra l-ħanfus***;

Or. en

Emenda 2172
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-protezzjoni tal-kwalità tal-ilma u t-tnaqqis tal-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-	(a) il-protezzjoni tal-kwalità tal-ilma u t-tnaqqis ***tal-użu mill-ġdid*** tal-pressjoni fuq

ilma, il-protezzjoni tal-ħamrija, il-ġestjoni tan-nutrijenti, il-konservazzjoni tal-bijodiversità, inklużi l-karatteristiċi tal-pajsaġġ u t-tnaqqis tal-użu tal-pestiċidi;	ir-riżorsi tal-ilma, il-protezzjoni ***u r-restawr tas-saħħa*** tal-ħamrija ***u tal-kwalità tal-arja, il-pollinaturi, l-ekosistemi agrikoli***, il-ġestjoni tan-nutrijenti***, l-użu ċirkolari tar-riżorsi***, il-konservazzjoni ***u r-restawr*** tal-bijodiversità, inklużi l-karatteristiċi tal-pajsaġġ***, u s-sostituzzjoni*** u t-tnaqqis tal-użu ***u r-riskju*** tal-pestiċidi ***kimiċi konvenzjonali u tal-fertilizzanti sintetiċi u kimiċi, li jnaqqas id-dipendenza fuq l-inputs***;

Or. en

Emenda 2173
Stefan Köhler, Marion Walsmann, Norbert Lins, Lena Düpont

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-protezzjoni tal-kwalità tal-ilma u t-tnaqqis tal-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-ilma, il-protezzjoni tal-ħamrija, il-ġestjoni tan-nutrijenti, il-konservazzjoni tal-bijodiversità, inklużi l-karatteristiċi tal-pajsaġġ ***u t-tnaqqis*** tal-użu tal-pestiċidi;	(a) il-protezzjoni tal-kwalità tal-ilma u t-tnaqqis tal-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-ilma, il-protezzjoni tal-ħamrija, il-ġestjoni tan-nutrijenti, il-konservazzjoni tal-bijodiversità, inklużi l-karatteristiċi tal-pajsaġġ***, it-tnaqqis*** tal-użu tal-pestiċidi***, iż-żamma, ir-restawr u l-iżvilupp ta' artijiet bil-ħaxix permanenti u rikki fl-ispeċijiet, sistemi estensivi ta' ragħa, imsaġar tal-frott tradizzjonali u pajsaġġi għall-mergħat parzjalment fil-beraħ***;

Or. en

Emenda 2174
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(a) il-protezzjoni tal-kwalità tal-ilma u t-tnaqqis tal-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-ilma, ***il-protezzjoni*** tal-ħamrija, il-ġestjoni tan-nutrijenti, ***il-konservazzjoni*** tal-bijodiversità, inklużi l-karatteristiċi tal-pajsaġġ ***u t-tnaqqis*** tal-użu ***tal-pestiċidi***;	(a) il-protezzjoni tal-kwalità ***tal-arja u*** tal-ilma u t-tnaqqis tal-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-ilma, ***il-monitoraġġ u l-protezzjoni*** tal-ħamrija ***billi jiġu indirizzati aspetti fiżiċi, kimiċi u bijoloġiċi tad-degradazzjoni***, il-ġestjoni tan-nutrijenti, ***il-monitoraġġ u l-konservazzjoni*** tal-bijodiversità, inklużi l-karatteristiċi tal-pajsaġġ***, il-pollinaturi selvaġġi tar-raba',*** it-tnaqqis tal-użu ta' ***inputs kimiċi u l-monitoraġġ tat-tniġġis***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skont l-impenn tal-KE u tal-Istati Membri fl-SPR tal-PAK (Regolament (UE) 2021/2115), u fuq talba tal-Parlament: L-indikatur tal-pollinaturi tar-raba' tal-Unjoni għad irid jitwassal. Bl-istess mod, il-proġett pilota u l-azzjoni preparatorja tal-Parlament Insignia (il-monitoraġġ tal-pestiċidi u ta' kontaminanti oħra permezz tan-naħal tal-għasel u ta' dawk li jrabbu n-naħal) huma lesti biex jiġu implimentati fl-Istati Membri kollha.

Emenda 2175
Anja Hazekamp, Sebastian Everding

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-protezzjoni tal-kwalità tal-ilma u t-tnaqqis tal-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-ilma, il-protezzjoni tal-ħamrija, il-ġestjoni tan-nutrijenti, il-konservazzjoni tal-bijodiversità, inklużi ***l-karatteristiċi*** tal-pajsaġġ u t-tnaqqis tal-użu tal-pestiċidi;	(a) il-protezzjoni ***u t-titjib*** tal-kwalità tal-ilma u t-tnaqqis tal-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-ilma, il-protezzjoni ***u r-restawr*** tal-ħamrija, il-ġestjoni tan-nutrijenti, il-konservazzjoni ***u r-restawr*** tal-bijodiversità, inklużi ***minimu ta' 10 % ta' karatteristiċi*** tal-pajsaġġ ***b'diversità kbira*** u t-tnaqqis tal-użu tal-pestiċidi***, bil-għan li jkun hemm eliminazzjoni gradwali jew minimizzazzjoni assoluta***;

Or. en

Emenda 2176
Konstantinos Arvanitis

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-protezzjoni tal-kwalità tal-ilma u t-tnaqqis tal-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-ilma, il-protezzjoni tal-ħamrija, il-ġestjoni tan-nutrijenti, il-konservazzjoni tal-bijodiversità, inklużi l-karatteristiċi tal-pajsaġġ u t-tnaqqis tal-użu tal-pestiċidi;	(a) il-protezzjoni tal-kwalità tal-ilma u t-tnaqqis tal-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-ilma, il-protezzjoni tal-ħamrija***, it-titjib tal-karbonju organiku fil-ħamrija u s-sekwestru tal-karbonju fit-tul inkluż permezz tal-agrikoltura riġenerattiva***, il-ġestjoni tan-nutrijenti, il-konservazzjoni tal-bijodiversità, inklużi l-karatteristiċi tal-pajsaġġ u t-tnaqqis tal-użu tal-pestiċidi;

Or. en

Emenda 2177
Carlo Fidanza, Waldemar Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-protezzjoni tal-kwalità tal-ilma u t-tnaqqis tal-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-ilma, il-protezzjoni tal-ħamrija, il-ġestjoni tan-nutrijenti, il-konservazzjoni tal-bijodiversità, inklużi l-karatteristiċi tal-pajsaġġ u t-tnaqqis tal-użu tal-pestiċidi;	(a) ***(a)*** il-protezzjoni tal-kwalità tal-ilma u t-tnaqqis tal-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-ilma, il-protezzjoni tal-ħamrija ***u l-irkupru tagħha għal skopijiet ta' produzzjoni***, il-ġestjoni tan-nutrijenti, il-konservazzjoni tal-bijodiversità ***inkluż permezz tat-titjib tal-mergħat***, inklużi l-karatteristiċi tal-pajsaġġ u t-tnaqqis tal-użu tal-pestiċidi;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda għandha l-għan li tiżgura li jissaħħaħ ir-rwol tal-agrikoltura fir-restawr u fir-riġenerazzjoni ta' art degradata, marġinali jew abbandunata, u li tirrikonoxxi r-rwol insostitwibbli tat-trobbija estensiva tal-bhejjem u l-pastoraliżmu fil-konservazzjoni tal-ekosistemi.

Emenda 2178
Raffaele Stancanelli, Isabella Tovaglieri, Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Mireia Borrás Pabón, Csaba Dömötör, Tomáš Kubín, Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-protezzjoni tal-kwalità tal-ilma u t-tnaqqis tal-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-ilma, il-protezzjoni tal-ħamrija, il-ġestjoni tan-nutrijenti, il-konservazzjoni tal-bijodiversità, inklużi ***l-karatteristiċi*** tal-pajsaġġ u ***t-tnaqqis*** tal-użu tal-pestiċidi;	(a) il-protezzjoni tal-kwalità tal-ilma u t-tnaqqis tal-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-ilma, il-protezzjoni ***u r-restawr*** tal-ħamrija ***għal użu produttiv***, il-ġestjoni tan-nutrijenti, il-konservazzjoni tal-bijodiversità, inklużi ***permezz tat-titjib tal-mergħat, taż-żamma tal-karatteristiċi*** tal-pajsaġġ u ***tat-tnaqqis*** tal-użu tal-pestiċidi;

Or. en

Emenda 2179
Krzysztof Hetman

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-protezzjoni tal-kwalità tal-ilma u t-tnaqqis tal-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-ilma, il-protezzjoni tal-ħamrija, il-ġestjoni tan-nutrijenti, il-konservazzjoni tal-bijodiversità, inklużi l-karatteristiċi tal-pajsaġġ u t-tnaqqis tal-użu tal-pestiċidi;	(a) il-protezzjoni tal-kwalità tal-ilma u t-tnaqqis tal-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-ilma, il-protezzjoni tal-ħamrija, il-ġestjoni tan-nutrijenti, ***inkluż l-appoġġ għall-parir dwar l-analiżijiet tal-ħamrija u l-fertilizzazzjoni,*** il-konservazzjoni tal-bijodiversità, inklużi l-karatteristiċi tal-pajsaġġ u t-tnaqqis tal-użu tal-pestiċidi;

Or. pl

Emenda 2180
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-protezzjoni tal-kwalità tal-ilma u t-tnaqqis tal-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-ilma, il-protezzjoni tal-ħamrija, il-ġestjoni tan-nutrijenti, il-konservazzjoni tal-bijodiversità, inklużi l-karatteristiċi tal-pajsaġġ u t-tnaqqis tal-użu tal-pestiċidi;	(a) il-protezzjoni tal-kwalità tal-ilma u t-tnaqqis tal-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-ilma***, inkluż permezz tal-użu ċirkolari tal-ilma***, il-protezzjoni tal-ħamrija, il-ġestjoni tan-nutrijenti, il-konservazzjoni tal-bijodiversità, inklużi l-karatteristiċi tal-pajsaġġ u t-tnaqqis tal-użu tal-pestiċidi;

Or. ro

Emenda 2181
Emma Wiesner, Christine Singer, Barry Cowen, Asger Christensen, Jérémy Decerle

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-protezzjoni tal-kwalità tal-ilma u t-tnaqqis tal-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-ilma, il-protezzjoni tal-ħamrija, il-ġestjoni tan-nutrijenti, il-konservazzjoni tal-bijodiversità, inklużi l-karatteristiċi tal-pajsaġġ u t-tnaqqis tal-użu tal-pestiċidi;	(a) il-protezzjoni tal-kwalità tal-ilma u t-tnaqqis tal-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-ilma, il-protezzjoni tal-ħamrija, il-ġestjoni tan-nutrijenti, il-konservazzjoni tal-bijodiversità, inklużi l-karatteristiċi tal-pajsaġġ u t-tnaqqis ***tar-riskju*** tal-użu tal-pestiċidi ***u l-użu effiċjenti tan-nutrijenti***;

Or. en

Emenda 2182
Camilla Laureti, Stefano Bonaccini, Annalisa Corrado, Heléne Fritzon

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-protezzjoni tal-kwalità tal-ilma u t-tnaqqis tal-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-ilma, il-protezzjoni tal-ħamrija, il-ġestjoni tan-nutrijenti, il-konservazzjoni tal-bijodiversità, inklużi l-karatteristiċi tal-pajsaġġ u t-tnaqqis tal-użu ***tal-pestiċidi***;	(a) il-protezzjoni tal-kwalità tal-ilma u t-tnaqqis tal-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-ilma, il-protezzjoni tal-ħamrija, il-ġestjoni tan-nutrijenti, il-konservazzjoni***, ir-restawr u l-protezzjoni*** tal-bijodiversità, inklużi l-karatteristiċi tal-pajsaġġ u t-tnaqqis tal-użu ***ta' inputs kimiċi***;

Or. it

Emenda 2183
Jessica Polfjärd

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-protezzjoni tal-kwalità tal-ilma u t-tnaqqis tal-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-ilma, il-protezzjoni tal-ħamrija, il-ġestjoni tan-nutrijenti, il-konservazzjoni tal-bijodiversità, inklużi l-karatteristiċi tal-pajsaġġ u t-tnaqqis ***tal-użu*** tal-pestiċidi;	(a) il-protezzjoni tal-kwalità tal-ilma u t-tnaqqis tal-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-ilma, il-protezzjoni tal-ħamrija, il-ġestjoni tan-nutrijenti, il-konservazzjoni tal-bijodiversità, inklużi l-karatteristiċi tal-pajsaġġ u t-tnaqqis ***tal-effetti negattivi mill-użu*** tal-pestiċidi;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tippermetti lill-Istati Membri jaħdmu b'mod aktar effiċjenti biex inaqqsu r-riskji marbuta mal-użu tal-pestiċidi.

Emenda 2184
Bert-Jan Ruissen

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-protezzjoni tal-kwalità tal-ilma u t-tnaqqis tal-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-ilma, il-protezzjoni tal-ħamrija, il-ġestjoni tan-nutrijenti, il-konservazzjoni tal-bijodiversità, inklużi l-karatteristiċi tal-pajsaġġ u t-tnaqqis tal-użu tal-pestiċidi;	(a) il-protezzjoni tal-kwalità tal-ilma u t-tnaqqis tal-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-ilma, il-protezzjoni tal-ħamrija, il-ġestjoni ***integrata*** tan-nutrijenti, il-konservazzjoni tal-bijodiversità, inklużi l-karatteristiċi tal-pajsaġġ u t-tnaqqis tal-użu ***ottimizzat*** tal-pestiċidi;

Or. en

Emenda 2185

Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-protezzjoni tal-kwalità tal-ilma u t-tnaqqis tal-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-ilma, ***il-protezzjoni*** tal-ħamrija, il-ġestjoni tan-nutrijenti, il-konservazzjoni tal-bijodiversità, inklużi l-karatteristiċi tal-pajsaġġ u ***t-tnaqqis tal-użu*** tal-pestiċidi;	(a) il-protezzjoni tal-kwalità tal-ilma u t-tnaqqis tal-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-ilma, ***l-analiżi u l-protezzjoni*** tal-ħamrija, il-ġestjoni ***integrata*** tan-nutrijenti, il-konservazzjoni tal-bijodiversità, inklużi l-karatteristiċi tal-pajsaġġ u ***l-użu ottimizzat*** tal-pestiċidi;

Or. it

Ġustifikazzjoni

Approċċ integrat għall-ġestjoni tan-nutrijenti huwa essenzjali, peress li jiġbor flimkien il-fertilizzanti, id-demel, il-prattiki tal-ħamrija u l-monitoraġġ tal-ħamrija f'qafas ikkoordinat uniku, filwaqt li fl-istess ħin jiżgura li jintlaħqu l-objettivi ambjentali, klimatiċi u tal-produttività.

Emenda 2186
Dario Nardella, André Franqueira Rodrigues, Eric Sargiacomo, Stefano Bonaccini, Claire Fita, Marko Vešligaj, Maria Noichl, Camilla Laureti, Heléne Fritzon

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-protezzjoni tal-kwalità tal-ilma u t-tnaqqis tal-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-ilma, il-protezzjoni tal-ħamrija, il-ġestjoni tan-nutrijenti, il-konservazzjoni tal-bijodiversità, inklużi l-karatteristiċi tal-pajsaġġ u t-tnaqqis tal-użu tal-pestiċidi;	(a) il-protezzjoni tal-kwalità tal-ilma u t-tnaqqis tal-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-ilma, il-protezzjoni tal-ħamrija, il-ġestjoni tan-nutrijenti, il-konservazzjoni ***u r-restawr*** tal-bijodiversità, inklużi l-karatteristiċi tal-pajsaġġ u t-tnaqqis tal-użu tal-pestiċidi;

Or. en

Emenda 2187
Stefano Bonaccini, Dario Nardella

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-protezzjoni tal-kwalità tal-ilma u t-tnaqqis tal-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-ilma, il-protezzjoni tal-ħamrija, il-ġestjoni tan-nutrijenti, il-konservazzjoni tal-bijodiversità, inklużi l-karatteristiċi tal-pajsaġġ u t-tnaqqis tal-użu tal-pestiċidi;	(a) il-protezzjoni tal-kwalità tal-ilma u t-tnaqqis tal-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-ilma, il-protezzjoni ***u r-restawr*** tal-ħamrija, il-ġestjoni tan-nutrijenti, il-konservazzjoni tal-bijodiversità, inklużi l-karatteristiċi tal-pajsaġġ u t-tnaqqis tal-użu tal-pestiċidi;

Or. en

Emenda 2188
Jessika van Leeuwen, Sander Smit, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-protezzjoni tal-kwalità tal-ilma u t-tnaqqis tal-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-ilma, il-protezzjoni tal-ħamrija, il-ġestjoni tan-nutrijenti, ***il-konservazzjoni tal-bijodiversità, inklużi l-karatteristiċi tal-pajsaġġ*** u t-tnaqqis ***tal-użu tal-pestiċidi;***	(a) il-protezzjoni tal-kwalità tal-ilma u t-tnaqqis tal-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-ilma, il-protezzjoni tal-ħamrija, il-ġestjoni tan-nutrijenti, ***it-titjib tal-effiċjenza fl-użu tan-nutrijenti, il-biedja ta' preċiżjoni*** u t-tnaqqis ***tat-telf tan-nutrijenti.***

Or. en

Emenda 2189
Luke Ming Flanagan, Konstantinos Arvanitis, Sebastian Everding, Arash Saeidi
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-protezzjoni tal-kwalità tal-ilma u t-tnaqqis tal-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-ilma, ***il-protezzjoni tal-ħamrija, il-ġestjoni tan-nutrijenti, il-konservazzjoni tal-***	(a) il-protezzjoni tal-kwalità tal-ilma u t-tnaqqis tal-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-ilma, ***kontra t-tnaqqis tal-livelli tal-wiċċ tal-ilma ta' taħt l-art, it-tniġġis agrikolu,***

bijodiversità, inklużi l-karatteristiċi tal-pajsaġġ u t-tnaqqis tal-użu tal-pestiċidi;	***l-ewtrofikazzjoni u l-ilma tax-xeba' kkontaminat.***

Or. en

Emenda 2190
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) it-telf tal-bijodiversità, u t-tisħiħ tal-konservazzjoni u tar-restawr tagħha, it-tisħiħ tas-servizzi tal-ekosistema inklużi l-preżervazzjoni tal-ħabitats, il-konnettività tal-ħabitats u l-karatteristiċi tal-pajsaġġ biex jiżdiedu l-popolazzjonijiet ta' speċijiet ta' benefiċċju inklużi l-pollinaturi u l-predaturi tal-pesti.

Or. en

Emenda 2191
Luke Ming Flanagan, Konstantinos Arvanitis, Sebastian Everding, Anja Hazekamp, Arash Saeidi
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) l-azzjonijiet għal użu sostenibbli u mnaqqas tal-pestiċidi, b'mod partikolari pestiċidi li jippreżentaw riskju għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent inkluż permezz tal-użu ta' ġestjoni integrata tal-pesti (IPM) u l-użu ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura;

Or. en

Emenda 2192
Luke Ming Flanagan, Konstantinos Arvanitis, Sebastian Everding, Anja Hazekamp, Arash Saeidi
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt ab (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ab) il-protezzjoni tal-ħamrija mill-erożjoni, mill-ilma tax-xeba', mil-lissija, miis-sedimentazzjoni, mis-salinizzazzjoni u mid-depożizzjoni tan-nitroġenu; il-bini u ż-żamma tal-istruttura tal-ħamrija, il-bini u l-manutenzjoni tal-materja organika tal-ħamrija, inkluż permezz tan-newba tal-għelejjel jew id-diversifikazzjoni;

Or. en

Emenda 2193
Luke Ming Flanagan, Konstantinos Arvanitis, Sebastian Everding, Anja Hazekamp, Arash Saeidi
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, inkluż it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u s-sekwestru tal-karbonju, l-adattament għat-tibdil fil-klima, inkluża d-diversità tal-annimali u tal-pjanti għal ekosistemi reżiljenti;	(b) il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, inkluż it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u s-sekwestru tal-karbonju, l-adattament għat-tibdil fil-klima, inkluża d-diversità tal-annimali u tal-pjanti għal ekosistemi reżiljenti ***li jinkoraġġixxu tranżizzjoni ġusta lejn prattiki tal-biedja aktar sostenibbli inkluż permezz taż-żamma tal-fertilità tal-ħamrija billi jiġu riċiklati n-nutrijenti fl-azjendi agrikoli, jinħolqu ħabitats għall-pollinaturi u għall-insetti ta' benefiċċju***; ***u prattiki tal-użu tal-art bħas-sistemi agroforestali, l-***

użu ta' għelejjel leguminużi, u n-newbiet tal-għelejjel;

Or. en

Emenda 2194
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, inkluż it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u ***s-sekwestru*** tal-karbonju, l-adattament għat-tibdil fil-klima, inkluża d-diversità tal-annimali u tal-pjanti għal ekosistemi reżiljenti;	(b) il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, inkluż it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u ***miżuri biex jiġu indirizzati l-emissjonijiet tal-metan f'konformità mal-għan tan-newtralità klimatika sal-2050, u inkluż is-sekwestru*** tal-karbonju ***billi tiġi restawrata s-saħħa tal-ħamrija, jiġu stabbiliti mill-ġdid il-ħabitats naturali u seminaturali biex jiġi rregolat iċ-ċiklaġġ tal-ilma, tan-nutrijenti u tal-karbonju***, ***u*** l-adattament għat-tibdil fil-klima, inkluża d-diversità tal-annimali u tal-pjanti ***u l-konservazzjoni dinamika tal-pjanti*** għal ekosistemi reżiljenti;

Or. en

Emenda 2195
Konstantinos Arvanitis

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, ***inkluż*** it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u s-sekwestru tal-karbonju, l-adattament għat-tibdil fil-klima, inkluża d-diversità tal-annimali u tal-pjanti għal ekosistemi reżiljenti;	(b) il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, ***inkluži miżuri li jsaħħu r-reżiljenza tal-ilma, it-tħejjija għan-nixfa, il-prevenzjoni tal-għargħar,*** it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u s-sekwestru tal-karbonju, l-adattament għat-tibdil fil-klima,

	inkluża d-diversità tal-annimali u tal-pjanti għal ekosistemi reżiljenti;

Or. en

Emenda 2196
Asger Christensen

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, inkluż it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u s-sekwestru tal-karbonju, l-adattament għat-tibdil fil-klima, inkluża d-diversità tal-annimali u tal-pjanti għal ekosistemi reżiljenti;	(b) il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, inkluż it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u s-sekwestru tal-karbonju, ***il-produzzjoni ta' materja prima agrikola sostenibbli għall-produzzjoni tal-bijofjuwils,*** l-adattament għat-tibdil fil-klima, inkluża d-diversità tal-annimali u tal-pjanti għal ekosistemi reżiljenti;

Or. en

Emenda 2197
Paulo do Nascimento Cabral, Ana Miguel Pedro, Sérgio Humberto, Paulo Cunha, Dario Nardella, Sebastião Bugalho

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, inkluż it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u s-sekwestru tal-karbonju, l-adattament għat-tibdil fil-klima, inkluża d-diversità tal-annimali u tal-pjanti għal ekosistemi reżiljenti;	(b) il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, inkluż it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u s-sekwestru tal-karbonju, ***il-produzzjoni sostenibbli tal-bijomassa agrikola għall-użu bħala bijofjuwils,*** l-adattament għat-tibdil fil-klima, inkluża d-diversità tal-annimali u tal-pjanti għal ekosistemi reżiljenti;

Or. pt

Emenda 2198
Dario Nardella, André Franqueira Rodrigues, Cristina Maestre, Eric Sargiacomo, Stefano Bonaccini, Claire Fita, Marko Vešligaj, Elena Sancho Murillo, Maria Noichl

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, inkluż it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u s-sekwestru tal-karbonju, l-adattament għat-tibdil fil-klima, inkluża d-diversità tal-annimali u tal-pjanti għal ekosistemi reżiljenti;	(b) il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, inkluż it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra***, il-protezzjoni tal-ħażniet tal-karbonju fil-ħamrija u ż-żieda fil-bijomassa*** u s-sekwestru tal-karbonju, l-adattament għat-tibdil fil-klima, inkluża d-diversità tal-annimali u tal-pjanti għal ekosistemi reżiljenti;

Or. en

Emenda 2199
Stefano Bonaccini, Dario Nardella, Camilla Laureti

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, inkluż it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u ***s-sekwestru*** tal-karbonju, l-adattament għat-tibdil fil-klima, inkluża d-diversità tal-annimali u tal-pjanti għal ekosistemi reżiljenti;	(b) il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, inkluż it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u ***tal-impronta tal-karbonju, is-sekwestru tal-karbonju***, l-adattament għat-tibdil fil-klima, inkluża d-diversità tal-annimali u tal-pjanti għal ekosistemi reżiljenti;

Or. en

Emenda 2200
Konstantinos Arvanitis

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) l-appoġġ għat-trobbija estensiva tal-bhejjem u sistemi ta' ragħa sostenibbli li jikkontribwixxu għall-ġestjoni ambjentali, għall-konservazzjoni tal-bijodiversità, għall-prevenzjoni tan-nirien fis-selvaġġ, għar-reżiljenza għall-klima, l-użu sostenibbli ta' art marġinali u bi produttività baxxa, il-koeżjoni territorjali u l-abitazzjoni kontinwa taż-żoni rurali.

Or. en

Emenda 2201
Stefano Bonaccini, Dario Nardella, Camilla Laureti

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) is-servizzi tal-ekosistema li jikkontribwixxu għall-prevenzjoni ta' perikli naturali u għar-regolamentazzjoni integrata tal-ilma;

Or. en

Emenda 2202
Luke Ming Flanagan, Konstantinos Arvanitis, Sebastian Everding, Arash Saeidi
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) is-saħħa u l-benessri tal-annimali, inkluża l-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi;	(c) is-saħħa u l-benessri tal-annimali, inkluża l-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi ***(AMR), inklużi azzjonijiet li jnaqqsu l-użu tal-antibijotiċi fl-annimali tar-razzett u miżuri li jtejbu r-reżiljenza tas-sistemi tal-produzzjoni tal-ikel u d-***

diversità tal-annimali u tal-pjanti għal reżistenza aktar b'saħħitha għall-mard;

Or. en

Emenda 2203
Krzysztof Hetman

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) is-saħħa u l-benessri tal-annimali, inkluża l-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi;	(c) is-saħħa u l-benessri tal-annimali, inkluża l-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi***, u l-finanzjament jew il-kofinanzjament ta' miżuri ta' bijosigurtà, l-ittestjar fil-laboratorju u l-miżuri veterinarji mmirati lejn il-prevenzjoni jew l-eradikazzjoni ta' mard infettiv fl-annimali***;

Or. pl

Emenda 2204
Barry Cowen, Asger Christensen, Michal Wiezik, Jérémy Decerle

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) is-saħħa u l-benessri tal-annimali, ***inkluża*** l-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi;	(c) is-saħħa u l-benessri tal-annimali, ***inklużi l-prevenzjoni u*** l-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi ***u t-tranżizzjoni lejn sistemi ta' trobbija li jippermettu mġiba naturali, fost l-oħrajn billi jipprovdu aktar spazju u l-eliminazzjoni gradwali tas-sistemi tal-gaġeġ u taż-żamma fil-magħluq***;

Or. en

Emenda 2205
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) is-saħħa u l-benessri tal-annimali, inkluża l-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi;	(c) is-saħħa u l-benessri tal-annimali ***rilevanti għall-bijodiversità klimatika u l-għanijiet ambjentali u kompatibbli magħhom***, inkluża l-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi;

Or. en

Emenda 2206
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan, Arash Saeidi

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) is-saħħa u l-benessri tal-annimali, inkluża l-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi;	(c) is-saħħa u l-benessri tal-annimali, inkluża l-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi ***u l-mard żoonotiku***;

Or. en

Emenda 2207
Michal Wiezik, Emma Wiesner

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) is-saħħa u l-benessri tal-annimali, ***inkluża l-ġlieda kontra r-reżistenza*** għall-antimikrobiċi;	(c) is-saħħa u l-benessri tal-annimali, ***inklużi miżuri għall-prevenzjoni tal-iżvilupp ta' reżistenza*** għall-antimikrobiċi;

Or. en

Emenda 2208
Dario Nardella, André Franqueira Rodrigues, Cristina Maestre, Eric Sargiacomo, Stefano Bonaccini, Claire Fita, Marko Vešligaj, Elena Sancho Murillo, Maria Noichl, Camilla Laureti, Heléne Fritzon

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) is-saħħa u l-benessri tal-annimali, ***inkluża l-ġlieda*** kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi;	(c) is-saħħa u l-benessri tal-annimali, ***inklużi miżuri għall-prevenzjoni u għall-ġlieda*** kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi;

Or. en

Emenda 2209
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-użu sostenibbli u l-iżvilupp tar-riżorsi ġenetiċi; ***jew***	(d) l-użu sostenibbli u l-iżvilupp tar-riżorsi ġenetiċi***, inkluża l-promozzjoni tar-razez lokali u taż-żrieragħ iffrankati mill-azjendi agrikoli, il-materjal eteroġenu, u r-razez tal-bhejjem bi skopijiet multipli bħar-razez tradizzjonali***;

Or. en

Emenda 2210
Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

d) l-użu sostenibbli ***u*** l-iżvilupp tar-riżorsi ġenetiċi; jew	d) l-użu sostenibbli**,** l-iżvilupp ***u ż-żamma*** tar-riżorsi ġenetiċi***, inklużi r-razez indiġeni***; jew

Or. es

Ġustifikazzjoni

Ir-razez indiġeni bħall-barri Lidia b'hekk ikunu protetti.

Emenda 2211
Martin Häusling

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***l-użu*** sostenibbli ***u l-iżvilupp tar-riżorsi ġenetiċi***; jew	(d) ***agrobijodiversità funzjonali*** sostenibbli; jew

Or. en

Emenda 2212
Emma Wiesner, Barry Cowen, Christine Singer, Asger Christensen, Jérémy Decerle

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) żieda fil-produzzjoni ta' għelejjel li fihom il-proteini.

Or. en

Emenda 2213
Thomas Waitz

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(e) is-servizzi ambjentali tal-forestrija u l-konservazzjoni tal-foresti. ***imħassar***

Or. en

Emenda 2214
Emma Wiesner

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) is-servizzi ambjentali tal-forestrija u l-konservazzjoni tal-foresti.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2215
Asger Christensen, Jérémy Decerle, Christine Singer

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) is-servizzi ambjentali tal-forestrija u l-konservazzjoni tal-foresti.	(e) is-servizzi ambjentali tal-forestrija u l-konservazzjoni tal-foresti. ***L-appoġġ għal azzjoni partikolari mogħti skont dan l-Artikolu jista' jieħu l-forma ta' pagament annwali għall-ettari eliġibbli kollha, l-unitajiet ta' bhejjem, is-CO_{2e} mneħħi, jew unità rilevanti oħra koperta mill-impenji.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiżdied l-effiċjenza tal-azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi, għandu jiġi ddikjarat b'mod ċar li l-appoġġ jista' jingħata lil unitajiet oħra għajr l-ettari.

Emenda 2216

Luke Ming Flanagan, Konstantinos Arvanitis, Sebastian Everding, Arash Saeidi
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) is-servizzi ambjentali tal-forestrija u l-konservazzjoni tal-foresti.	(e) is-servizzi ambjentali tal-forestrija ***u tal-agroforestrija*** u l-konservazzjoni tal-foresti.

Or. en

Emenda 2217
Stefan Köhler, Marion Walsmann, Lena Düpont

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) is-servizzi ambjentali tal-forestrija u l-konservazzjoni tal-foresti**.**	(e) is-servizzi ambjentali tal-forestrija u l-konservazzjoni tal-foresti***;***

Or. en

Emenda 2218
Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri jistgħu jimmonitorjaw l-effettività tal-azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi li jkunu ta' benefiċċju għall-pollinaturi selvaġġi u ġestiti u jistgħu jappoġġaw il-kooperazzjoni volontarja bejn il-bdiewa u dawk li jrabbu n-naħal li għandha l-għan li ssaħħaħ is-servizzi tad-dakkir, il-bijodiversità u l-kwalità tal-prodotti tat-trobbija tan-naħal, inkluża l-ġestjoni koordinata tat-tqegħid tal-

miġbħa, l-adattament tal-prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-pollinaturi, u miżuri biex jitnaqqsu r-riskji għall-pollinaturi u għall-prodotti tat-trobbija tan-naħal li jirriżultaw mill-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, f'konformità mal-prinċipji tal-ġestjoni integrata tal-pesti u d-dritt rilevanti tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 2219
Stefan Köhler, Marion Walsmann, Norbert Lins, Lena Düpont

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) L-Istati Membri għandhom jispeċifikaw fil-Pjan SNR it-tul ta' żmien standard tal-impenji msemmija fl-ewwel sentenza. Sabiex jiġi żgurat li d-durata tal-impenji ma testendix lil hinn mill-perjodu kopert mill-Pjan SNR, l-Istati Membri jistgħu jadottaw dispożizzjonijiet li jippermettu durati iqsar mid-durati standard u għal estensjonijiet tal-impenji.

Or. en

Emenda 2220
Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) il-protezzjoni, il-konservazzjoni, ir-riproduzzjoni u l-iżvilupp ta' razez indiġeni ta' annimali adattati għall-kundizzjonijiet lokali, li jikkontribwixxu għad-diversità ġenetika u li jiffurmaw parti mill-wirt kulturali rurali tal-Unjoni.

Or. el

Emenda 2221
Claudiu-Richard Târziu

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) (f) it-titjib tal-effiċjenza fir-riżorsi, l-innovazzjoni, il-biedja ta' preċiżjoni, il-parks agrikoli effiċjenti fl-użu tal-karbonju u l-adattament għall-kundizzjonijiet klimatiċi lokali.

Or. en

Emenda 2222
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) il-ġenerazzjoni tal-bijoenerġija jew tal-enerġija rinnovabbli, inkluż permezz tal-iżvilupp ta' sistemi agrivoltajċi

Or. ro

Emenda 2223
Barry Cowen, Asger Christensen, Emma Wiesner, Michal Wiezik, Christine Singer, Elsi Katainen

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) (f) l-istabbiliment ta' skemi ta' sekwestru tal-karbonju f'art agrikola

appoġġati skont ir-Regolament (UE) 2024/3012

Or. en

Emenda 2224
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(eb) l-użu ċirkolari tar-riżorsi fl-azjenda

Or. ro

Emenda 2225
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt ec (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ec) l-użu ta' teknoloġiji diġitali u innovattivi, bħar-robotika jew il-biedja ta' preċiżjoni

Or. ro

Emenda 2226
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt ed (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ed) objettivi oħra stabbiliti mill-Istati Membri fil-livell nazzjonali jew reġjonali li jikkontribwixxu għall-awtonomija

strateġika tal-Unjoni fil-provvista tal-ikel u s-sigurtà tal-ikel

Or. ro

Emenda 2227
Eric Sargiacomo, Claire Fita

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Fl-għażla u fl-approvazzjoni tal-impenji ta' ġestjoni, l-Istati Membri għandhom jagħtu prijorità lis-sistemi tal-biedja li jikkontribwixxu għall-oqsma ta' prijorità elenkati fl-Artikolu 4(1), inkluża l-biedja organika taħt il-punt (e). Il-kriterji ta' prijoritizzazzjoni għandhom ikunu obbligatorji u riflessi fil-metodoloġija ta' punteġġ, b'enfasi partikolari fuq l-impenji bbażati fuq approċċi tal-azjenda agrikola kollha. Meta l-allokazzjoni finanzjarja għall-impenji ta' ġestjoni ma tippermettix appoġġ għall-applikazzjonijiet eliġibbli kollha, l-Istati Membri għandhom japplikaw kriterji oġġettivi ta' prijoritizzazzjoni li jagħtu prijorità lis-sistemi elenkati taħt l-Artikolu 4(1), inkluża l-biedja organika.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan l-approċċ qed isegwi prinċipju biex jiġi żgurat trattament ġust għall-prodotti organiċi u ma jpoġġix lil din is-sistema fi żvantaġġ finanzjarju meta mqabbla ma' skemi ta' appoġġ ibbażati fuq prattiki iżolati, impenji temporanji jew approċċi mhux definiti b'mod suffiċjenti. Prattiki iżolati jistgħu jiġu appoġġjati permezz tal-PAK, iżda l-inċentivi finanzjarji għandhom ikunu proporzjonali għal-livell tal-isforzi u tal-benefiċċji ambjentali mogħtija.

Emenda 2228
Thomas Waitz

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Fl-għażla u fl-approvazzjoni tal-impenji ta' ġestjoni, l-Istati Membri għandhom jagħtu prijorità lis-sistemi tal-biedja li jikkontribwixxu għall-oqsma ta' prijorità elenkati fl-Artikolu 4(1), inkluża l-biedja organika taħt il-punt (e). Il-kriterji ta' prijoritizzazzjoni għandhom ikunu obbligatorji u riflessi fil-metodoloġija ta' punteġġ. Meta l-allokazzjoni finanzjarja għall-impenji ta' ġestjoni ma tippermettix appoġġ għall-applikazzjonijiet eliġibbli kollha, l-Istati Membri għandhom japplikaw kriterji oġġettivi ta' prijoritizzazzjoni li jagħtu prijorità lis-sistemi elenkati fl-Artikolu 4(1), inkluża l-biedja organika.

Or. en

Emenda 2229
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Mill-inqas 43 % tal-allokazzjonijiet finanzjarji msemmija fl-Artikolu 10(2)(a)(ii) tar-[Regolament PSNR] għandhom ikunu riżervati għall-miżuri agroambjentali klimatiċi msemmija fl-Artikolu 10. F'din l-allokazzjoni finanzjarja, mill-inqas 15 % għandhom ikunu riżervati għal miżuri li jappoġġaw is-saħħa u l-benessri tal-annimali.

Or. de

Emenda 2230
Valentina Palmisano, Dario Tamburrano, Sebastian Everding

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Mill-inqas 35 % tal-baġit ġenerali tal-PAK għandu jkun riżervat għall-azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi msemmija f'dan l-Artikolu, inklużi pagamenti għall-azzjonijiet il-ġodda għat-tranżizzjoni. Dan is-sehem għandu jiżdied progressivament matul il-perjodu ta' programmazzjoni, u jilħaq mill-inqas 50 % tal-baġit ġenerali tal-PAK sal-2034.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din timplementa t-talba għal delimitazzjoni ddedikata u li qed tiżdied għall-azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi.

Emenda 2231
Anja Hazekamp, Sebastian Everding

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Mill-inqas 43 % tal-allokazzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 10, il-paragrafu 2(a)(ii) tal-[proposta tal-PSNR] għandhom ikunu riżervati għall-azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi msemmija fl-Artikolu 10. F'din l-allokazzjoni, mill-inqas 15 % għandhom ikunu riżervati għal azzjonijiet li jtejbu s-saħħa u l-benessri tal-annimali.

Or. en

Emenda 2232
Veronika Vrecionová

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu livelli ogħla ta' appoġġ għal taħlitiet ta' għelejjel ta' kopertura rikki fl-ispeċijiet magħmula minn ħames speċijiet jew aktar meta tali taħlitiet jikkontribwixxu għas-saħħa tal-ħamrija, għall-bijodiversità, għas-sekwestru tal-karbonju jew għaż-żamma tal-ilma.

Or. en

Emenda 2233
Giuseppe Antoci

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3b. Mill-inqas 35 % tal-baġit ġenerali tal-PAK għandu jkun riżervat għall-azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi msemmija f'dan l-Artikolu, inklużi pagamenti għall-azzjonijiet il-ġodda ta' tranżizzjoni. Dan is-sehem għandu jiżdied progressivament matul il-perjodu ta' programmazzjoni, u jilħaq mill-inqas 50 % tal-baġit ġenerali tal-PAK sal-2034.

Or. en

Emenda 2234
Paulo do Nascimento Cabral, Ana Miguel Pedro, Sérgio Humberto, Paulo Cunha, Sebastião Bugalho

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), għandu jingħata abbażi ta' pjan ta' azzjoni għat-tranżizzjoni mfassal minn bidwi u approvat mill-Istat Membru. Biex jimplimentaw l-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fil-Pjan SNR is-sistemi ta' produzzjoni li huma jqisu ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent.	***imħassar***

Or. pt

Emenda 2235
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Cristina Guarda

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), għandu jingħata abbażi ta' pjan ta' azzjoni għat-tranżizzjoni mfassal minn bidwi u approvat mill-Istat Membru. Biex jimplimentaw l-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fil-Pjan SNR is-sistemi ta' produzzjoni li huma jqisu ta' benefiċċju għall-klima ***u*** għall-ambjent.	L-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni ***agroekoloġika*** msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), għandu jingħata abbażi ta' pjan ta' azzjoni għat-tranżizzjoni mfassal minn bidwi u approvat mill-Istat Membru. Biex jimplimentaw l-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fil-Pjan SNR is-sistemi ta' produzzjoni li huma jqisu ***reżiljenti u*** ta' benefiċċju għall-klima***,*** għall-ambjent ***u għall-benessri tal-annimali, u mill-inqas jinkludu perjodu ta' żmien stmat għall-implimentazzjoni ta' miżuri ta' tranżizzjoni, u jispjegaw fid-dettall l-objettivi speċifiċi f'termini tal-eżiti ambjentali mistennija, u l-ostakli speċifiċi li għandhom jiġu indirizzati***. ***Tali sistemi għandhom mill-inqas jindirizzaw dan li ġej:***

- It-tnaqqis sinifikanti fl-inputs kimiċi, b'mod partikolari l-pestiċidi kimiċi konvenzjonali u l-fertilizzanti kimiċi sintetiċi

- Id-diversifikazzjoni tas-sistema ta' produzzjoni, inkluża d-diversifikazzjoni tal-azjendi f'setturi li qed jiffaċċjaw kriżi strutturali

- L-adattament għat-tibdil fil-klima u reżiljenza akbar biex ikunu jifilħu għal fatturi ta' stress, b'mod partikolari stress idriku - Jekk rilevanti, l-estensifikazzjoni tal-bhejjem f'konformità mad-definizzjoni fl-Artikolu 1a [definizzjonijiet] u l-benessri tal-annimali

- It-tnaqqis fil-pressjoni fuq ekosistemi tal-ilma, tal-arja u tal-ħamrija

- Is-saħħa tal-ħamrija u ċ-ċiklaġġ tan-nutrijenti

- L-appoġġ għall-bijodiversità u l-karatteristiċi tal-pajsaġġ b'diversità għolja

Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli mudell standardizzat għall-pjanijiet għat-tranżizzjoni li jistgħu jużaw il-benefiċjarji u l-Istati Membri. Il-mudell għandu jipprovdi gwida dwar l-istruttura, il-kontenut, u r-rekwiżiti minimi għall-pjanijiet għat-tranżizzjoni mfassla mill-bdiewa f'konformità ma' dan il-paragrafu. L-Istati Membri għandhom jiżguraw verżjonijiet simplifikati u proporzjonati tal-mudell għall-azjendi agrikoli żgħar u għat-tranżizzjonijiet li jinvolvu bidliet strutturali limitati.

Konverżjoni għal biedja organika se titqies konformi mar-rekwiżit ta' pjan ta' azzjoni għat-tranżizzjoni. Meta l-allokazzjoni finanzjarja għal azzjonijiet għat-tranżizzjoni ma tippermettix appoġġ għall-applikazzjonijiet eliġibbli kollha, l-Istati Membri għandhom japplikaw kriterji oġġettivi ta' prijoritizzazzjoni li jagħtu prijorità lis-sistemi elenkati taħt l-Artikolu 4(1), inkluża l-biedja organika.

Emenda 2236
Eric Sargiacomo, Claire Fita

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), għandu jingħata abbażi ta' pjan ta' azzjoni għat-tranżizzjoni mfassal minn bidwi u approvat mill-Istat Membru. Biex jimplimentaw l-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fil-Pjan SNR is-sistemi ta' produzzjoni li huma jqisu ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent.	L-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), għandu jingħata abbażi ta' pjan ta' azzjoni għat-tranżizzjoni mfassal minn bidwi u approvat mill-Istat Membru. ***Il-pjan ta' azzjoni għat-tranżizzjoni għandu jkopri perjodu minimu ta' 5 snin.***
	Konverżjoni għal biedja organika se titqies konformi mar-rekwiżit ta' pjan ta' azzjoni għat-tranżizzjoni.
	Fl-għażla u fl-approvazzjoni ta' azzjonijiet għat-tranżizzjoni, l-Istati Membri għandhom jagħtu prijorità lis-sistemi tal-biedja li jikkontribwixxu għall-oqsma ta' prijorità elenkati fl-Artikolu 4(1), inkluża l-biedja organika taħt il-punt (e). Il-kriterji ta' prijoritizzazzjoni għandhom ikunu obbligatorji u riflessi fil-metodoloġija ta' punteġġ applikata għall-applikazzjonijiet. Meta l-allokazzjoni finanzjarja għal azzjonijiet għat-tranżizzjoni ma tippermettix appoġġ għall-applikazzjonijiet eliġibbli kollha, l-Istati Membri għandhom japplikaw kriterji oġġettivi ta' prijoritizzazzjoni li jagħtu prijorità lis-sistemi elenkati taħt l-Artikolu 4(1), inkluża l-biedja organika.
	Biex jimplimentaw l-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fil-Pjan SNR is-

sistemi ta’ produzzjoni li huma jqisu ta’ benefiċċju għall-klima u għall-ambjent.

Or. en

Ġustifikazzjoni

This approach is following a principle to ensure fair treatment for organic and not place this system at a financial disadvantage compared to support schemes based on isolated practices, temporary commitments or insufficiently defined approaches. Isolated practices can be supported through the CAP, but the financial incentives should be proportional to the level of efforts and environmental benefits delivered.Annual commitments are not sufficient to effectively support systemic agroecological transitions. The environmental benefits of system-based AECA schemes (soil, biodiversity, water quality) are cumulative and only become apparent after several years of continuous commitment.

Emenda 2237
Arash Saeidi, Luke Ming Flanagan, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), għandu jingħata abbażi ta’ pjan ta’ azzjoni għat-tranżizzjoni mfassal minn bidwi u approvat mill-Istat Membru. Biex jimplimentaw l-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fil-Pjan SNR is-sistemi ta’ produzzjoni li huma jqisu ta’ benefiċċju għall-klima ***u*** għall-ambjent.	L-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), għandu jingħata abbażi ta’ pjan ta’ azzjoni għat-tranżizzjoni mfassal minn bidwi u approvat mill-Istat Membru. ***Il-konverżjoni għall-biedja organika se titqies li tissodisfa r-rekwiżit ta’ pjan ta’ azzjoni għat-tranżizzjoni. Fl-għażla ta’ azzjonijiet għat-tranżizzjoni, l-Istati Membri għandhom jagħtu prijorità lis-sistemi agrikoli li jikkontribwixxu għall-prijoritajiet iddefiniti fl-Artikolu 4(1), fosthom il-biedja organika. Dawn il-kriterji ta’ prijoritizzazzjoni għandhom ikunu obbligatorji u integrati fil-metodoloġija ta’ punteġġ tal-applikazzjonijiet. Meta r-riżorsi finanzjarji ma jkunux biżżejjed biex jappoġġaw l-applikazzjonijiet eliġibbli kollha, l-Istati Membri għandhom japplikaw kriterji oġġettivi tal-għażla li jagħtu prijorità lis-sistemi li jaqgħu taħt dawk il-prijoritajiet.***

	Biex jimplimentaw l-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fil-Pjan SNR is-sistemi ta' produzzjoni li huma jqisu ta' benefiċċju għall-klima***,*** għall-ambjent ***u għall-benessri tal-annimali***.

Or. fr

Emenda 2238
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), għandu jingħata abbażi ta' pjan ta' azzjoni għat-tranżizzjoni mfassal minn bidwi u approvat mill-Istat Membru. Biex jimplimentaw l-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fil-Pjan SNR is-sistemi ta' produzzjoni li ***huma jqisu*** ta' benefiċċju għall-klima ***u*** għall-ambjent.	L-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), għandu jingħata abbażi ta' pjan ta' azzjoni għat-tranżizzjoni mfassal minn bidwi u approvat mill-Istat Membru. ***Konverżjoni għal biedja organika se titqies konformi mar-rekwiżit ta' pjan ta' azzjoni għat-tranżizzjoni.*** Biex jimplimentaw l-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fil-Pjan SNR is-sistemi ta' produzzjoni li ***huma ppruvati li huma*** ta' benefiċċju għall-klima***,*** għall-ambjent ***u għall-benessri tal-annimali, filwaqt li jiffavorixxu sistemi ta' produzzjoni li qed jieħdu approċċ tal-azjenda agrikola kollha, għall-kuntrarju ta' enfasi fuq prattiċi uniċi***. ***Bħala l-uniċi metodi sostenibbli ta' produzzjoni regolati fil-livell tal-UE, l-Istati Membri għandhom jagħtu prijorità lill-bdiewa involuti fit-tranżizzjoni lejn biedja organika u jiżguraw allokazzjoni baġitarja suffiċjenti għall-pagamenti ta' tranżizzjoni tagħhom.***

Or. en

Emenda 2239
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), għandu jingħata abbażi ta' pjan ta' azzjoni għat-tranżizzjoni mfassal minn bidwi u approvat mill-Istat Membru. Biex jimplimentaw l-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fil-Pjan SNR is-sistemi ta' produzzjoni li huma jqisu ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent.	L-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), ***(ba) u (bb),*** għandu jingħata abbażi ta' pjan ta' azzjoni għat-tranżizzjoni mfassal minn bidwi ***jew sid ta' foresta*** u approvat mill-Istat Membru. Biex jimplimentaw l-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b)***, (ba) u (bb)***, l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fil-Pjan SNR is-sistemi ta' produzzjoni li huma jqisu ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent***, għall-benessri tal-annimali u għall-prevenzjoni tad-dežertifikazzjoni, kif ukoll il-kontribut tagħhom għall-implimentazzjoni tal-pjan nazzjonali ta' restawr, l-objettiv ta' protezzjoni stretta, il-protezzjoni tal-artijiet mistagħdra, inklużi s-siti ta' Ramsar, jew il-protezzjoni jew ir-restawr ta' pajsaġġi ta' wirt storiku***.

Or. en

Emenda 2240
Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), ***għandu*** jingħata abbażi ta' ***pjan*** ta' azzjoni għat-tranżizzjoni ***mfassal minn bidwi u approvat mill-Istat Membru***. Biex jimplimentaw l-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), l-Istati Membri għandhom	L-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), ***jista'*** jingħata abbażi ta' ***impenji sempliċi u prattikabbli definiti mill-Istati Membri, mingħajr ma jiġu imposti pjanijiet*** ta' azzjoni għat-tranżizzjoni ***li joħolqu piż amministrattiv sproporzjonat***.

jiddeskrivu fil-Pjan SNR is-sistemi ta' produzzjoni li huma jqisu ta' benefiċċju għall-klima ***u*** għall-ambjent.	Biex jimplimentaw l-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fil-Pjan SNR is-sistemi ta' produzzjoni li huma jqisu ta' benefiċċju għall-klima, għall-ambjent ***u għall-benessri tal-annimali filwaqt li tiġi żgurata l-flessibbiltà u tiġi evitata kumplessità amministrattiva addizzjonali għall-bdiewa u għall-amministrazzjonijiet***.

Or. en

Emenda 2241
Dario Nardella, André Franqueira Rodrigues, Cristina Maestre, Eric Sargiacomo, Stefano Bonaccini, Claire Fita, Elena Sancho Murillo, Maria Noichl, Camilla Laureti

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), għandu jingħata abbażi ta' pjan ta' azzjoni għat-tranżizzjoni mfassal minn bidwi u approvat mill-Istat Membru. Biex jimplimentaw l-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fil-Pjan ***SNR*** is-sistemi ta' produzzjoni li huma jqisu ta' benefiċċju għall-klima ***u*** għall-ambjent.	L-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), għandu jingħata abbażi ta' pjan ta' azzjoni għat-tranżizzjoni mfassal minn bidwi ***abbażi tad-data tal-azjenda għall-aħħar 3 snin, ippruvduta minn korpi jew entitajiet dežinjati f'konformità mad-dritt nazzjonali*** u approvat mill-Istat Membru. Biex jimplimentaw l-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fil-Pjan ***NRCAP*** is-sistemi ta' produzzjoni li huma jqisu ta' benefiċċju għall-klima***,*** għall-ambjent ***u għall-benessri tal-annimali***.

Or. en

Emenda 2242

Carlo Fidanza, Waldemar Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), għandu jingħata abbażi ta' pjan ta' azzjoni għat-tranżizzjoni mfassal minn bidwi u approvat mill-Istat Membru. Biex jimplimentaw l-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fil-Pjan ***SNR*** is-sistemi ta' produzzjoni li huma jqisu ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent.	***4.*** L-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), għandu jingħata abbażi ta' pjan ta' azzjoni għat-tranżizzjoni mfassal minn bidwi ***abbażi tad-data tal-kumpanija għall-aħħar 3 snin ipprovduta minn korpi jew entitajiet dežinjati f'konformità mad-dritt nazzjonali*** u approvat mill-Istat Membru. Biex jimplimentaw l-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fil-Pjan ***tal-PAK*** is-sistemi ta' produzzjoni li huma jqisu ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tintroduċi żidiet sostanzjali fit-test tal-Kummissjoni, bl-għan li jiġu żgurati ċ-ċertezza legali għan-negozji agrikoli, is-simplifikazzjoni amministrattiva u l-effettività ġenwina tal-pjanijiet għat-tranżizzjoni. L-emenda tittrasforma miżura potenzjalment riġida u riskjuża fi strument flessibbli u sigur ibbażat fuq ir-realtajiet tal-produzzjoni, li jissalvagwardja l-introjtu u l-għajxien tal-bdiewa involuti fil-proċess ta' tranżizzjoni.

Emenda 2243
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), għandu jingħata abbażi ta' pjan ta' azzjoni għat-tranżizzjoni mfassal minn bidwi ***u approvat*** mill-Istat Membru. Biex jimplimentaw l-appoġġ għall-azzjonijiet	L-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), għandu jingħata abbażi ta' pjan ta' azzjoni għat-tranżizzjoni mfassal minn bidwi ***filwaqt li titqies id-data tal-azjendi għall-aħħar 3 snin, ipprovduta minn***

għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fil-Pjan ***SNR*** is-sistemi ta' produzzjoni li huma jqisu ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent.

korpi kompetenti identifikati mil-leġiżlazzjoni nazzjonali u approvata mill-Istat Membru. Biex jimplimentaw l-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fil-Pjan ***NRPAC*** is-sistemi ta' produzzjoni li huma jqisu ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tintroduċi żidiet sostanzjali fit-test tal-Kummissjoni, bl-għan li jiġu żgurati ċ-ċertezza legali għall-azjendi agrikoli, is-simplifikazzjoni amministrattiva u l-effettività reali tal-pjanijiet ta' tranżizzjoni. L-emenda tittrasforma miżura potenzjalment riġida u riskjuża fi strument flessibbli, sigur u ankrat fir-realtà tal-produzzjoni, li jipproteġi l-introjtu u x-xogħol tal-bdiewa involuti fil-perkors ta' tranżizzjoni.

Emenda 2244
Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), għandu jingħata abbażi ta' pjan ta' azzjoni għat-tranżizzjoni mfassal minn bidwi u approvat mill-Istat Membru. Biex jimplimentaw l-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fil-Pjan ***SNR*** is-sistemi ta' produzzjoni li huma jqisu ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent.	L-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), għandu jingħata abbażi ta' pjan ta' azzjoni għat-tranżizzjoni mfassal minn bidwi u approvat mill-Istat Membru. ***Dan għandu jikkontribwixxi mill-inqas għall-istabbiltà tal-introjtu u għar-reżiljenza, mingħajr ma jikkomprommetti l-objettiv tal-produzzjoni.*** Biex jimplimentaw l-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fil-Pjan ***SNRPAK*** is-sistemi ta' produzzjoni li huma jqisu ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent.

Or. fr

Emenda 2245
Luke Ming Flanagan, Konstantinos Arvanitis, Sebastian Everding, Arash Saeidi
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), għandu jingħata abbażi ta' pjan ta' azzjoni għat-tranżizzjoni mfassal minn bidwi u approvat mill-Istat Membru. Biex jimplimentaw l-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fil-Pjan SNR is-sistemi ta' produzzjoni li huma jqisu ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent.	L-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), għandu jingħata abbażi ta' pjan ta' azzjoni għat-tranżizzjoni mfassal minn bidwi u approvat mill-Istat Membru. Biex jimplimentaw l-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fil-Pjan SNR is-sistemi ta' produzzjoni li huma jqisu ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent***, konverżjoni għall-biedja organika se titqies konformi mar-rekwiżit ta' pjan ta' azzjoni għat-tranżizzjoni***.

Or. en

Emenda 2246
Christine Singer, Ciaran Mullooly

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-appoġġ ***għall-azzjonijiet*** għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1***, il-punt (b),*** għandu jingħata abbażi ta' ***pjan*** ta' azzjoni għat-tranżizzjoni ***mfassal minn bidwi u approvat mill-Istat Membru. Biex jimplimentaw l-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fil-Pjan SNR is-sistemi ta' produzzjoni li huma jqisu ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent***.	L-appoġġ għat-tranżizzjoni ***volontarja lejn sistemi ta' produzzjoni reżiljenti*** msemmija fil-paragrafu 1 għandu jingħata abbażi ta' ***impenji sempliċi u prattikabbli definiti mill-Istati Membri, mingħajr ma jiġu imposti pjanijiet*** ta' azzjoni għat-tranżizzjoni ***obbligatorji li joħolqu piż amministrattiv sproporzjonat***.

Or. en

Emenda 2247
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), ***għandu*** jingħata abbażi ta' pjan ta' azzjoni għat-tranżizzjoni mfassal minn bidwi u approvat mill-Istat Membru. Biex jimplimentaw l-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fil-Pjan SNR is-sistemi ta' produzzjoni li huma jqisu ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent.	L-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), ***jista'*** jingħata abbażi ta' pjan ta' azzjoni għat-tranżizzjoni mfassal minn bidwi***, li jsegwi r-rekwiżiti kif definiti mill-Istat Membru,*** u approvat mill-Istat Membru. Biex jimplimentaw l-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fil-Pjan SNR is-sistemi ta' produzzjoni li huma jqisu ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li r-rekwiżiti għal dan il-pjan għat-tranżazzjoni jiġu definiti mill-Istati Membri nfushom. L-Istati Membri għandhom il-ħtiġijiet tagħhom f'termini tal-klima u tal-ambjent (kif rikonoxxut aktar tard fil-paragrafu 4), u għalhekk dawn il-pjanijiet għat-tranżizzjoni, bl-istess mod, ma jistgħux ikunu l-istess madwar l-Unjoni Ewropea. Dan sabiex jiġi evitat li l-bdiewa jkunu meħtieġa jipprovdu informazzjoni li ma tkunx applikabbli jew disponibbli fil-kuntest speċifiku tagħhom u tiskoraġġihom milli jużaw dan il-mekkaniżmu innovattiv.

Emenda 2248
Barry Cowen, Asger Christensen, Emma Wiesner, Elsi Katainen, Jérémy Decerle

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), għandu jingħata abbażi ta' pjan ta' azzjoni għat-tranżizzjoni mfassal minn	L-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), għandu jingħata abbażi ta' pjan ta' azzjoni għat-tranżizzjoni mfassal minn

bidwi u approvat ***mill-Istat*** Membru. Biex jimplimentaw l-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fil-Pjan SNR is-sistemi ta' produzzjoni li huma jqisu ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent.	bidwi u approvat ***mill-awtorità dežinjata tal-Istat*** Membru. Biex jimplimentaw l-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fil-Pjan SNR is-sistemi ta' produzzjoni li huma jqisu ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent.

Or. en

Emenda 2249
Camilla Laureti, Stefano Bonaccini, Annalisa Corrado, Heléne Fritzon

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), għandu jingħata abbażi ta' pjan ta' azzjoni għat-tranżizzjoni mfassal minn bidwi u approvat mill-Istat Membru. Biex jimplimentaw l-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fil-Pjan SNR is-sistemi ta' produzzjoni li huma jqisu ta' benefiċċju għall-klima ***u*** għall-ambjent.	L-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), għandu jingħata abbażi ta' pjan ta' azzjoni għat-tranżizzjoni mfassal minn bidwi u approvat mill-Istat Membru. Biex jimplimentaw l-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fil-Pjan SNR is-sistemi ta' produzzjoni li huma jqisu ta' benefiċċju għall-klima***,*** għall-ambjent ***u għall-benesseri tal-annimali***.

Or. it

Emenda 2250
Cristina Maestre, Elena Sancho Murillo

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), għandu jingħata abbażi ta' pjan	L-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), għandu jingħata abbażi ta' pjan

ta’ azzjoni għat-tranżizzjoni mfassal minn bidwi u approvat mill-Istat Membru. Biex jimplimentaw l-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fil-Pjan ***SNR*** is-sistemi ta’ produzzjoni li huma jqisu ta’ benefiċċju għall-klima u għall-ambjent.	ta’ azzjoni għat-tranżizzjoni mfassal minn bidwi ***jew mill-kooperattiva tiegħu*** u approvat mill-Istat Membru. Biex jimplimentaw l-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fil-Pjan ***NRPCAP*** is-sistemi ta’ produzzjoni li huma jqisu ta’ benefiċċju għall-klima u għall-ambjent.

Or. en

Emenda 2251
Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), ***għandu*** jingħata abbażi ta’ pjan ta’ azzjoni għat-tranżizzjoni mfassal minn bidwi u approvat mill-Istat Membru. Biex jimplimentaw ***l-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b)***, l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fil-Pjan SNR is-sistemi ta’ produzzjoni li huma jqisu ta’ benefiċċju għall-klima u għall-ambjent.	L-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), ***jista’*** jingħata abbażi ta’ pjan ta’ azzjoni għat-tranżizzjoni ***volontarju, sempliċi u proporzjonat,*** imfassal minn bidwi ***jew benefiċjarju ieħor*** u approvat mill-Istat Membru. Biex jimplimentaw ***tali appoġġ***, l-Istati Membri ***u r-reġjuni rispettivi tagħhom*** għandhom jiddeskrivu fil-Pjan SNR is-sistemi ta’ produzzjoni li jqisu ta’ benefiċċju għall-klima u għall-ambjent.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Il-pjanijiet għat-tranżizzjoni jistgħu jkunu utli iżda ma għandhomx isiru sors ġdid ta’ burokrazija. Din l-emenda tiżgura li dawn ikunu volontarji, proporzjonati u aċċessibbli, inklużi wkoll il-kooperattivi u benefiċjarji oħra meta jkunu involuti f’approċċi kollettivi jew territorjali.

Emenda 2252
Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan, Arash Saeidi

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), għandu jingħata abbażi ta' pjan ta' azzjoni għat-tranżizzjoni mfassal minn bidwi u approvat mill-Istat Membru. Biex jimplimentaw l-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fil-Pjan SNR is-sistemi ta' produzzjoni li huma jqisu ta' benefiċċju għall-klima ***u*** għall-ambjent.	L-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), għandu jingħata abbażi ta' pjan ta' azzjoni għat-tranżizzjoni mfassal minn bidwi u approvat mill-Istat Membru. Biex jimplimentaw l-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fil-Pjan SNR is-sistemi ta' produzzjoni li huma jqisu ta' benefiċċju għall-klima***,*** għall-ambjent ***u għall-benessri tal-annimali***.

Or. en

Emenda 2253
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), ***għandu*** jingħata abbażi ta' pjan ta' azzjoni għat-tranżizzjoni mfassal minn bidwi u approvat mill-Istat Membru. Biex jimplimentaw l-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fil-Pjan SNR is-sistemi ta' produzzjoni li huma jqisu ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent.	L-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), ***jista'*** jingħata abbażi ta' pjan ta' azzjoni għat-tranżizzjoni ***volontarja*** mfassal minn bidwi u approvat mill-Istat Membru. Biex jimplimentaw l-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fil-Pjan SNR is-sistemi ta' produzzjoni li huma jqisu ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent.

Or. ro

Emenda 2254
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), għandu jingħata abbażi ta' pjan ta' azzjoni għat-tranżizzjoni mfassal minn bidwi u approvat mill-Istat Membru. Biex jimplimentaw l-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fil-Pjan SNR is-sistemi ta' produzzjoni li huma jqisu ta' benefiċċju għall-klima ***u*** għall-ambjent.	L-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), għandu jingħata abbażi ta' pjan ta' azzjoni għat-tranżizzjoni mfassal minn bidwi u approvat mill-Istat Membru. Biex jimplimentaw l-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fil-Pjan SNR is-sistemi ta' produzzjoni li huma jqisu ta' benefiċċju għall-klima***,*** għall-ambjent ***u għall-benessri tal-annimali***.

Or. de

Emenda 2255
Bert-Jan Ruissen

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), ***għandu*** jingħata abbażi ta' pjan ta' azzjoni għat-tranżizzjoni mfassal minn bidwi u approvat mill-Istat Membru. Biex jimplimentaw l-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fil-Pjan SNR is-sistemi ta' produzzjoni li huma jqisu ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent.	L-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), ***jista'*** jingħata abbażi ta' pjan ***volontarju*** ta' azzjoni għat-tranżizzjoni mfassal minn bidwi u approvat mill-Istat Membru. Biex jimplimentaw l-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fil-Pjan SNR is-sistemi ta' produzzjoni li huma jqisu ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandu jkun ċar li l-għażla li l-azzjoni tkun ibbażata fuq pjan għat-tranżizzjoni tibqa' volontarja għall-bidwi f'konformità mal-paragrafu 1, il-punt (b).

Emenda 2256
Ton Diepeveen, Barbara Bonte, Mireia Borrás Pabón, Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), ***għandu*** jingħata abbażi ta' pjan ta' azzjoni għat-tranżizzjoni mfassal minn bidwi u approvat mill-Istat Membru. Biex jimplimentaw l-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fil-Pjan SNR is-sistemi ta' produzzjoni li huma jqisu ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent.	L-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), ***jista'*** jingħata abbażi ta' pjan ***volontarju*** ta' azzjoni għat-tranżizzjoni mfassal minn bidwi u approvat mill-Istat Membru. Biex jimplimentaw l-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fil-Pjan SNR is-sistemi ta' produzzjoni li huma jqisu ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent.

Or. en

Emenda 2257
Luis-Vicențiu Lazarus

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), ***għandu*** jingħata abbażi ta' pjan ta' azzjoni għat-tranżizzjoni mfassal minn bidwi u approvat mill-Istat Membru. Biex jimplimentaw l-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fil-Pjan SNR is-sistemi ta'	L-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), ***jista'*** jingħata abbażi ta' pjan ***volontarju*** ta' azzjoni għat-tranżizzjoni mfassal minn bidwi u approvat mill-Istat Membru. Biex jimplimentaw l-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fil-Pjan SNR is-sistemi ta' produzzjoni li

produzzjoni li huma jqisu ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent.

huma jqisu ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent.

Or. en

Emenda 2258
Marta Wcisło

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu ***1***, il-punt (b), għandu jingħata abbażi ta' pjan ta' azzjoni għat-tranżizzjoni mfassal minn bidwi u approvat mill-Istat Membru. Biex jimplimentaw l-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu ***1***, il-punt (b), l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fil-Pjan SNR is-sistemi ta' produzzjoni li huma jqisu ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent.	L-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu ***1a***, il-punt (b), għandu jingħata abbażi ta' pjan ta' azzjoni għat-tranżizzjoni mfassal minn bidwi u approvat mill-Istat Membru. Biex jimplimentaw l-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu ***1a***, il-punt (b), l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fil-Pjan SNR is-sistemi ta' produzzjoni li huma jqisu ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent.

Or. en

Emenda 2259
Krzysztof Hetman

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu ***1, il-punt (b),*** għandu jingħata abbażi ta' pjan ta' azzjoni għat-tranżizzjoni mfassal minn bidwi u approvat mill-Istat Membru. Biex jimplimentaw l-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu ***1, il-punt (b),*** l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fil-Pjan SNR is-sistemi ta'	L-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu ***1a*** għandu jingħata abbażi ta' pjan ta' azzjoni għat-tranżizzjoni mfassal minn bidwi u approvat mill-Istat Membru. Biex jimplimentaw l-appoġġ għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fil-paragrafu ***1a*** l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fil-Pjan SNR is-sistemi ta' produzzjoni li

produzzjoni li huma jqisu ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent.	huma jqisu ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Aġġustament tekniku għall-emendi ssuġġeriti fil-paragrafu 1 – bidla fir-referenza.

Emenda 2260
André Franqueira Rodrigues

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1. Fil-każ ta' azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi mfassla, fejn xieraq, abbażi ta' riżultati kwantifikabbli, il-kostijiet relatati mal-kampjunar, il-verifika, il-monitoraġġ, is-servizzi konsultattivi u t-trasferiment tal-għarfien għandhom ikunu eliġibbli għall-appoġġ skont dan ir-Regolament, inkluż permezz ta' assistenza teknika. Dawn ir-rekwiżiti għandhom jibqgħu proporzjonati u ma għandhomx jinvolvu pożijiet amministrattivi jew finanzjarji addizzjonali għall-bdiewa.

Or. pt

Ġustifikazzjoni

Qafas ambjentali bbażat fuq ir-riżultati huwa effettiv biss jekk il-bdiewa jingħataw appoġġ biex jgħinhom jikkwantifikaw u jiksbu r-riżultati rilevanti. Is-servizzi ta' monitoraġġ, ta' verifika u ta' konsulenza għandhom jiġu ffinanzjati taħt il-PAK u ma għandhomx jiġġeneraw kostijiet jew pożijiet amministrattivi addizzjonali għall-bdiewa.

Emenda 2261
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Martin Häusling

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri għandhom ifasslu sistema ta' inċentivi ġusta u bbażata fuq ir-riżultati b'livelli ta' inċentivi li jirriflettu l-livell ta' ambizzjoni u l-benefiċċju għall-klima u għall-ambjent, kif ukoll il-kostijiet tal-produzzjoni. L-inċentivi għal impenji biex tinżamm u ssir tranżizzjoni lejn il-biedja organika għandhom jagħtu l-ogħla livell ta' inċentiv. L-Istati Membri għandhom iħejju lista ta' kontroll tal-iskemi ta' inċentivi u supplimentari disponibbli, biex is-serje ta' għażliet tkun faċilment disponibbli għall-benefiċjarji.

Or. en

Emenda 2262
Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Il-bdiewa li jikkonvertu l-azjendi agrikoli tagħhom għal biedja organika f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848 huma eżentati mir-rekwiżit li jfasslu pjan ta' azzjoni, dment li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak ir-Regolament.

Or. en

Emenda 2263
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 4 – subparagrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bdiewa u l-maniġers tal-art li diġà kienu qed jipprovdu l-istess prodotti pubbliċi bħal dawk li qed jiġu inċentivati issa skont dan l-Artikolu jkunu ġew ippremjati b'mod ġust għall-isforzi u għall-prodotti tagħhom; dan għandu jsir billi jiġu vvalutati l-pagamenti u r-rekords tal-aċċess għal dawk il-pagamenti taħt il-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti; għal dawk li pprovdew prodotti u ma ġewx ikkumpensati għax-xogħol li għamlu, għandu jsir disponibbli pakkett ta' kumpens għall-konsenja ta' prodotti pubbliċi fil-passat.

Or. en

Emenda 2264
Paulo do Nascimento Cabral, Ana Miguel Pedro, Sérgio Humberto, Paulo Cunha, Sebastião Bugalho

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom iħallsu l-appoġġ għall-bdiewa f'pagamenti parzjali matul il-perjodu ta' implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni għat-tranżizzjoni. L-aħħar pagament parzjali jitħallas meta titlesta l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni għat-tranżizzjoni. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pagamenti jiġu rkuprati jekk il-bidwi jonqos milli jimplimenta l-pjan ta' azzjoni għat-tranżizzjoni.	***imħassar***

Or. pt

Emenda 2265

Maria Walsh

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[1a] ID-DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI Linji Gwida tal-Kummissjoni għad-Definizzjoni, għall-Immappjar, għall-Monitoraġġ u għall-Protezzjoni Stretta tal-Foresti Primarji u Antiki tal-UE (SWD(2023)62)

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-protezzjoni tal-foresti l-aktar prezzjużi tal-Ewropa tista' tirrikjedi impenji ta' ġestjoni f'xi Stati Membri, eż. fis-Slovakkja, inklużi reġimi ta' nuqqas ta' intervent, li jillimitaw l-użu ekonomiku tar-riżorsi tal-foresti. Sabiex tiġi żgurata l-ġustizzja u tiġi appoġġjata l-intendenza kontinwa, id-detenturi tal-foresti għandhom jiġu kkumpensati għall-introjtu mitluf li jirriżulta minn dawn l-impenji ta' konservazzjoni.

Emenda 2309
Asger Christensen

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Madankollu, meta l-liġi nazzjonali timponi rekwiżiti li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi obbligatorji korrispondenti stabbiliti fil-liġi tal-Unjoni, l-appoġġ jista' jingħata għall-impenji ta' ġestjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), li jikkontribwixxu għall-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti.	Madankollu, meta l-liġi nazzjonali timponi rekwiżiti li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi obbligatorji korrispondenti stabbiliti fil-liġi tal-Unjoni, l-appoġġ jista' jingħata għall-impenji ta' ġestjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), li jikkontribwixxu għall-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti. ***F'dan l-artikolu, ir-rekwiżiti imposti mid-dritt nazzjonali jinkludu taxxi u dazji li għandhom eżitu ekwivalenti.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-taxxi jew id-dazji nazzjonali jista' jkollhom effetti simili meta mqabbla mar-rekwiżiti. Dan għandu jiġi rikonoxxut fir-regolament.

Emenda 2310
Christine Singer, Ciaran Mullooly

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Madankollu, meta l-liġi nazzjonali timponi rekwiżiti li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi obbligatorji korrispondenti stabbiliti fil-liġi tal-Unjoni, l-appoġġ jista' jingħata għall-impenji ta' ġestjoni msemmija fil-paragrafu 1***, il-punt (a),*** li jikkontribwixxu għall-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti.	Madankollu, meta l-liġi nazzjonali timponi rekwiżiti li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi obbligatorji korrispondenti stabbiliti fil-liġi tal-Unjoni, l-appoġġ jista' jingħata għall-impenji ta' ġestjoni msemmija fil-paragrafu 1 li jikkontribwixxu għall-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti***, meta tali impenji jiġġeneraw benefiċċji ambjentali***

addizzjonali u effett ċar fuq l-introjtu fil-livell tal-azjenda agrikola.

Or. en

Emenda 2311
Marta Wcisło

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Madankollu, meta l-liġi nazzjonali timponi rekwiżiti li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi obbligatorji korrispondenti stabbiliti fil-liġi tal-Unjoni, l-appoġġ jista' jingħata għall-impenji ta' ġestjoni msemmija fil-paragrafu 1***, il-punt (a),*** li jikkontribwixxu għall-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti.	Madankollu, meta l-liġi nazzjonali timponi rekwiżiti li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi obbligatorji korrispondenti stabbiliti fil-liġi tal-Unjoni, l-appoġġ jista' jingħata għall-impenji ta' ġestjoni msemmija fil-paragrafu 1 li jikkontribwixxu għall-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti.

Or. en

Emenda 2312
Krzysztof Hetman

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Madankollu, meta l-liġi nazzjonali timponi rekwiżiti li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi obbligatorji korrispondenti stabbiliti fil-liġi tal-Unjoni, l-appoġġ jista' jingħata għall-impenji ta' ġestjoni msemmija fil-paragrafu 1***, il-punt (a),*** li jikkontribwixxu għall-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti.	Madankollu, meta l-liġi nazzjonali timponi rekwiżiti li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi obbligatorji korrispondenti stabbiliti fil-liġi tal-Unjoni, l-appoġġ jista' jingħata għall-impenji ta' ġestjoni msemmija fil-paragrafu 1 li jikkontribwixxu għall-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Aġġustament tekniku għall-emendi introdotti fil-paragrafu 1 – bidla fir-referenza.

Emenda 2313
Pekka Toveri

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 5 – punt 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1) Fil-każ ta' impenji ta' ġestjoni pluriennali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li tiġi pprovduta klawżola ta' reviżjoni sabiex jiġi żgurat l-aġġustament tagħhom bħala konsegwenza tal-emendi għar-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni rilevanti msemmija fil-paragrafu 5 li jridu jinqabżu mill-impenji ta' ġestjoni. Jekk aġġustament bħal dan ma jiġix aċċettat mill-benefiċjarju, l-impenn ta' ġestjoni għandu jiskadi u l-ebda rimborż ta' pagamenti skont dan l-Artikolu ma għandu jkun meħtieġ fir-rigward tal-perjodu li matulu l-impenn ta' ġestjoni kien effettiv. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li tiġi pprovduta klawżola ta' reviżjoni għal impenji li jestendu lil hinn mill-perjodu ta' programmazzjoni attwali sabiex jippermettu l-aġġustament tagħhom għall-qafas legali applikabbli fil-perjodu ta' wara.

Or. en

Emenda 2314
Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. L-appoġġ għall-konverżjoni għal jew għaż-żamma tal-produzzjoni organika

jew ta' sistemi agrikoli oħra rikonoxxuti bħala sostenibbli mill-Istati Membri u mir-reġjuni tagħhom, jista' jkun kompatibbli ma' interventi ambjentali u klimatiċi oħra tal-PAK, inklużi azzjonijiet agroambjentali klimatiċi, investimenti, pariri, innovazzjoni u kooperazzjoni, dment li l-impenji ffinanzjati jkunu differenzjati, addizzjonali jew imorru lil hinn mill-obbligi inerenti fiċ-ċertifikazzjoni organika. L-Istati Membri għandhom jevitaw finanzjament doppju tal-istess kostijiet, iżda ma għandhomx jipprevjenu l-kombinazzjoni ta' strumenti fejn dan ikun meħtieġ biex jissaħħu l-vijabbiltà ekonomika, ir-reżiljenza u l-kompetittività tal-azjendi organiċi.

Or. es

Ġustifikazzjoni

L-azjendi organiċi ma għandhomx jiġu esklużi minn appoġġ ieħor meta jagħmlu impenji addizzjonali.

Emenda 2315
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li mill-inqas 30 % tal-kontribuzzjoni finanzjarja kollha tal-Unjoni disponibbli għall-miżuri tal-Politika Agrikola Komuni skont l-Artikolu 10(2)(a)(ii) tar-Regolament (UE) 2025/0240 [SNR] tintuża għal miżuri skont it-tifsira ta' dan l-Artikolu.
	Mingħajr preġudizzju għas-subparagrafu 1, l-ammont assolut li jsir disponibbli minn Stat Membru għal dawn il-miżuri ma għandux ikun inqas mill-ammont totali tal-fondi allokati fil-perjodu ta' finanzjament preċedenti għall-ekoskemi,

il-miżuri agroambjentali u l-miżuri klimatiċi u tal-benessri tal-annimali. Is-sehem minimu msemmi fis-subparagrafu 1 se jiżdied gradwalment fuq bażi annwali matul il-perjodu kollu ta' programmazzjoni.

Or. de

Emenda 2316
Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. L-impenji ta' ġestjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), jistgħu jintwerew ukoll permezz ta' skemi ta' ċertifikazzjoni volontarji rikonoxxuti uffiċjalment mill-Istat Membru, dment li tali ċertifikazzjoni tiżgura l-konformità ma' rekwiżiti ambjentali, klimatiċi, tal-forestrija jew tal-benessri tal-annimali ekwivalenti. Meta obbligi ekwivalenti jkunu koperti minn tali skemi ta' ċertifikazzjoni rikonoxxuti, l-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu ċ-ċertifikazzjoni bħala evidenza suffiċjenti ta' konformità u ma għandhomx jirrikjedu dokumentazzjoni addizzjonali, verifiki jew kontrolli amministrattivi relatati mal-istess impenji.

Or. en

Emenda 2317
Eric Sargiacomo, Claire Fita

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

5a. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-pagamenti f'konformità mal-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) […] [SNR]. Dawn il-pagamenti jistgħu jkopru l-kostijiet tat-tranżazzjoni u jistgħu jkunu bbażati fuq il-kostijiet addizzjonali mġarrba u l-introjtu mitluf li jirriżultaw mill-impenji meħuda, jew jistgħu jipprovdu appoġġ għall-introjtu lill-bdiewa u lil benefiċjarji oħra li jimplimentaw prattiki li huma ta' benefiċċju għall-klima, għall-ambjent, għas-saħħa u għall-benessri tal-annimali u għall-forestrija sostenibbli.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Aħna nippropponu ż-żieda ta' paragrafu, sabiex jiġi ċċarat il-metodu tal-kalkolu tal-pagament, li jagħmilha possibbli li ma nillimitawx ruħna għall-prinċipju tal-kumpens għal kostijiet u nuqqasijiet addizzjonali. Fil-fatt, huwa neċessarju fl-Artikolu 10 li jiġu previsti b'mod espliċitu l-metodi ta' kalkolu tar-remunerazzjoni prevista għall-arranġamenti koperti minn dak l-artikolu. Fl-aħħar nett, jidher li huwa meħtieġ li jiġi speċifikat il-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri fl-Artikolu 10 li jaqgħu fil-qafas tas-SIAK (miżuri bbażati fuq iż-żona jew fuq l-annimali).

Emenda 2318
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. L-iskemi introdotti għall-bdiewa skont dan ir-Regolament għandhom jitfasslu u jiġu implimentati bil-ħsieb li jiġi żgurat li jkun hemm lonġevità u prevedibbiltà suffiċjenti, sabiex il-bdiewa jkunu jistgħu jibbażaw b'mod raġonevoli fuq id-disponibbiltà u li jinżammu l-kundizzjonijiet tagħhom maż-żmien, u b'hekk jiġġustifikaw l-isforz, l-investiment u l-bidliet fil-ġestjoni meħtieġa għall-

parteċipazzjoni u għall-appoġġ għall-ippjanar fit-tul tal-azjendi agrikoli.

Or. en

Emenda 2319
Stefan Köhler, Marion Walsmann, Norbert Lins, Lena Düpont

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Għall-miżuri tal-bijodiversità u tal-konservazzjoni tan-natura, il-pagamenti jistgħu jinkludu, minbarra l-kumpens għall-kostijiet u għall-introjtu, komponent xieraq ta' inċentiv fejn meħtieġ għall-parteċipazzjoni, għall-ilħuq tal-miri u għall-impenn fit-tul, filwaqt li jibqgħu kompatibbli mar-rekwiżiti tal-Kaxxa l-Ħadra tad-WTO.

Or. en

Emenda 2320
Arash Saeidi, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. L-Istati Membri għandhom jallokaw għall-konverżjoni u ż-żamma tal-biedja organika, kif imsemmi fil-paragrafu 2, sehem mill-allokazzjoni finanzjarja tagħhom li għandu jkun mill-inqas id-doppju tal-ammonti li ġew allokati lilhom fil-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti.

Or. fr

Emenda 2321
Valentina Palmisano, Dario Tamburrano, Sebastian Everding

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. L-appoġġ għall-azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi msemmija f'dan l-Artikolu għandu jkun eliġibbli għal finanzjament sa 100 % mill-Unjoni. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rekwiżiti ta' kofinanzjament ma jagħmlux tali azzjonijiet inqas attraenti minn interventi ta' appoġġ għall-introjtu mhux immirati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din tevita preġudizzju baġitarju kontra skemi ambjentali u klimatiċi fl-Istati Membri taħt pressjoni fiskali.

Emenda 2322
Barry Cowen, Asger Christensen, Emma Wiesner, Charles Goerens, Elsi Katainen

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. 6. Mill-inqas 35 % tal-ammont totali ddedikat għall-iżvilupp rurali stabbilit fl-Artikolu 10(2), il-punt (a)(ii)(b) tar-Regolament (UE) 202X/XXXX [SNR], għandu jkun riżervat għal azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi skont dan l-Artikolu.

Or. en

Emenda 2323
Carlo Fidanza, Waldemar Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. 6bis (ġdid) L-Istati Membri li japplikaw l-appoġġ imsemmi fl-Artikolu 6a (ġdid) għandhom jiżguraw li l-miżuri previsti f'dan l-Artikolu jkunu kompatibbli ma' dawk imsemmija f'dak l-Artikolu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda għandha l-għan li tiżgura l-konsistenza bejn il-miżuri ambjentali.

Emenda 2324
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Mill-inqas 35 % tal-ammont totali ddedikat għall-interventi tal-PAK stabbilit fl-Artikolu 10(2), il-punt (a)(ii), tar-Regolament (UE) 2025/0240 [SNR], għandu jkun riżervat għall-miżuri ta' appoġġ skont dan l-Artikolu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-mira ta' delimitazzjoni ta' 35 % għandha tkun mira orizzontali tal-pakkett tal-PAK u għandha tissalvagwardja u tibni fuq il-livelli attwali ta' ambizzjoni li jirriflettu l-livelli ta' finanzjament attwali għall-ekoskemi u għall-miżuri agroambjentali filwaqt li tipprovdi riżorsi addizzjonali għall-iskemi l-ġodda ta' tranżizzjoni.

Emenda 2325
Ciaran Mullooly, Michael McNamara

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. L-Istati Membri għandhom iħallsu għaż-żamma ta' art bil-ħaxix permanenti, ringieli ta' sġajriet u sistemi ta' ragħa sostenibbli li jikkontribwixxu għall-bijodiversità, għas-sekwestru tal-karbonju u għall-kwalità tal-ilma.

Or. en

Emenda 2326
Cristina Maestre, Elena Sancho Murillo

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. L-inċentivi ambjentali u klimatiċi għandhom jieħdu l-forma ta' pagamenti għal kull ettaru, annimal jew ekwivalenti ta' annimal, kif definit f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 2327
Jérémy Decerle, Laurence Farreng, Stéphanie Yon-Courtin, Grégory Allione, Pascal Canfin

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. L-applikazzjonijiet mill-bdiewa skont l-Artikolu attwali, li jaqgħu wkoll fil-kamp ta' applikazzjoni tal-iskema msemmija fl-Artikolu 17a, jingħataw prijorità.

Or. en

Emenda 2328
Arash Saeidi, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 5b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5b. B'deroga mill-paragrafu 1, il-punt (b), l-Istati Membri għandhom jimplimentaw sottomiżura intitolata "appoġġ għall-aġġustament għall-azjendi agrikoli" għall-bdiewa li jiddiversifikaw il-produzzjoni tagħhom għal għelejjel li fihom il-proteini, prattiki agroekoloġiċi, u t-trobbija tal-bhejjem fil-beraħ u/jew il-polikultura u t-trobbija tal-bhejjem. Dan l-appoġġ, b'baġit iddedikat, jieħu l-forma ta' pagamenti digressivi fuq ħames snin (40 % fl-ewwel sena, li jonqsu għal 5 % fil-ħames sena), soġġett għat-twettiq ta' pjan ta' azzjoni għat-tranżizzjoni li jinkludi t-tnaqqis ta' mill-inqas 30 % fl-użu ta' fertilizzanti nitroġenużi sintetiċi u l-konklużjoni ta' kuntratti ta' kummerċjalizzazzjoni. L-appoġġ jiġi kkoordinat ma' garanziji għal self mill-Bank Ewropew tal-Investiment għall-investimentii tanġibbli.

Or. fr

Emenda 2329
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Pär Holmgren

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 5b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

5b. Mill-inqas 35 % tal-kontribuzzjoni finanzjarja totali tal-Unjoni allokata għall-interventi tal-PAK skont l-Artikolu 10(2)(a)(ii) tar-Regolament (UE) 2025/0240 [SNR], minimu ta' EUR 108 biljun, fi prezzijiet attwali, tal-baġit tal-PAK, għandu jkun riżervat għall-miżuri f'dan l-Artikolu biex jappoġġaw l-użu ta' azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi, filwaqt li tinżamm biżżejjed flessibbiltà għall-Istati Membri biex iqisu l-istrutturi agrikoli u l-ispeċifiċitajiet reġjonali differenti tagħhom.

Or. en

Emenda 2330
Giuseppe Antoci

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 5b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5b. L-appoġġ għall-azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi msemmija f'dan l-Artikolu għandu jkun eliġibbli għal finanzjament sa 100 % mill-Unjoni. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rekwiżiti ta' kofinanzjament ma jagħmlux tali azzjonijiet inqas attraenti minn interventi ta' appoġġ għall-introjtu mhux immirati.

Or. en

Emenda 2331
Ciaran Mullooly

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 5b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

5b. L-appoġġ għandu jkun disponibbli wkoll meta l-Istati Membri jintroduċu rekwiżiti ambjentali li jaqbżu l-istandards minimi meħtieġa skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 2332
Carlo Fidanza, Waldemar Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 5b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5b. Il-kompostjar ta' materjal organiku f'munzelli fuq art agrikola huwa permess sakemm il-kompost ikun immatura kompletament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din id-dispożizzjoni tiżgura li l-prattiki agrikoli tradizzjonali fir-reġjun tal-Mediterran ikunu kompatibbli mad-dekompożizzjoni tal-materja organika ta' oriġini agrikola fuq l-art agrikola.

Emenda 2333
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Cristina Guarda

Proposta għal regolament
Artikolu 10a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 10a
	Azzjonijiet għall-Benessri tal-Annimali
	L-Istati Membri għandhom jipprovdu inċentivi għal impenji ta' ġestjoni li jtejbu l-benessri tal-annimali. L-impenji għandu

jkollhom b'mod partikolari l-objettivi li ġejjin:

(a) itejbu s-saħħa tal-annimali u jnaqqsu l-użu tal-antimikrobiċi, inkluż permezz ta' trobbija preventiva, aċċess għal ilma nadif, iġjene mtejba, tilqim u prevenzjoni tal-mard;

(b) itejbu l-kundizzjonijiet tal-benessri tal-annimali, inkluż spazju suffiċjenti akbar u speċifiku għall-ispeċijiet, aċċess għal żoni u mergħat fil-beraħ, u sistemi mtejba ta' akkomodazzjoni;

(c) inaqqsu l-istress relatat mal-produzzjoni, inkluż permezz tat-tnaqqis tad-densitajiet tat-trobbija, it-titjib tal-prattiki tal-ġestjoni tal-merħliet u tal-qatgħat biex jippromwovu strutturi soċjali stabbli u l-minimizzazzjoni tal-istress waqt it-tagħbija, it-trasport u l-ħatt.

L-Istati Membri għandhom jagħtu appoġġ biss għall-impenji ta' ġestjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti rilevanti ta' Intendenza tal-Azjendi Agrikoli fl-Artikolu 3, imsemmija fl-Anness I, u r-rekwiżiti minimi rilevanti għall-użu ta' fertilizzanti u prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, il-benessri tal-annimali u rekwiżiti obbligatorji rilevanti oħra stabbiliti mid-dritt nazzjonali u dak tal-Unjoni.

Madankollu, meta d-dritt nazzjonali jimponi rekwiżiti li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi obbligatorji korrispondenti stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni, l-appoġġ jista' jingħata għall-impenji ta' ġestjoni msemmija f'dan l-Artikolu, li jikkontribwixxu għall-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti.

Or. en

Emenda 2334
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Artikolu 10a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 10a
	Punti Trasparenti u Sistema ta' Premjazzjoni għall-Prodotti u għas-Servizzi Pubbliċi
	Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi sistema trasparenti, aċċessibbli għall-pubbliku u verifikabbli bbażata fuq il-punti għall-valutazzjoni tal-forniment ta' prodotti u servizzi pubbliċi mogħtija mill-benefiċjarji.
	Is-sistema għandha tikkwantifika, bl-użu ta' indikaturi oġġettivi u bbażati fuq ix-xjenza, il-kontributi inklużi, iżda mhux limitati għal:
	(a) it-tibdil fil-klima u l-adattament għalih;
	(b) il-konservazzjoni tal-bijodiversità;
	(c) is-saħħa tal-ħamrija u s-sekwestru tal-karbonju;
	(d) il-kwalità tal-ilma u ż-żamma tal-ilma;
	(e) il-ġestjoni tal-pajsaġġ;
	(f) il-benessri tal-annimali;
	(g) il-protezzjoni tas-servizzi tal-ekosistema;
	(h) benefiċċji pubbliċi oħra li jistgħu jitkejlu identifikati fil-pjan SNR.
	L-għadd ta' punti mogħtija għandu jikkostitwixxi element integrali għad-determinazzjoni tal-livell ta' appoġġ finanzjarju taħt interventi rilevanti fejn il-prodotti u s-servizzi pubbliċi jiġu remunerati. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-metodoloġija, l-indikaturi, il-ponderazzjoni tal-punti u r-riżultati annwali jkunu disponibbli għall-pubbliku f'format diġitali li jippermetti t-

trasparenza, il-komparabbiltà u l-evalwazzjoni indipendenti.

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu rekwiżiti minimi u prinċipji metodoloġiċi komuni biex tiżgura livell komparabbli ta' trasparenza madwar l-Istati Membri filwaqt li tippermetti biżżejjed flessibbiltà biex jiġu riflessi l-kundizzjonijiet reġjonali u lokali.

Or. en

Emenda 2335
Krzysztof Hetman

Proposta għal regolament
Artikolu 10a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 10a
	Appoġġ għall-investiment għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan mit-trobbija tal-annimali u l-iżvilupp tal-produzzjoni agrikola tal-bijometan u tal-bijogass.
	L-appoġġ għall-investiment għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan mit-trobbija tal-annimali u l-iżvilupp tal-produzzjoni agrikola tal-bijometan u tal-bijogass għandu jinkludi b'mod partikolari l-investimenti fi:
	(a) it-teknoloġiji u l-prattiki fid-dieta li jnaqqsu l-emissjonijiet tal-metan enteriku fir-ruminanti;
	(b) is-sistemi għall-ġbir, il-ħżin u l-ipproċessar tal-iskart tal-annimali li jnaqqsu l-emissjonijiet tal-metan, inklużi reċipjenti magħluqa u ssiġillati bl-arja għad-demel likwidu u sistemi għas-separazzjoni tal-frazzjonijiet solidi u likwidi;
	(c) il-kostruzzjoni, il-modernizzazzjoni u l-espansjoni ta' installazzjonijiet għall-

produzzjoni ta' bijogass u bijometan agrikolu bl-użu ta' skart tal-annimali, residwi tal-pjanti u materja prima oħra ta' oriġini agrikola, flimkien ma' infrastruttura u installazzjonijiet ta' konnessjoni li jippermettu l-użu ta' diġestat bħala fertilizzant organiku li jissostitwixxi l-fertilizzanti minerali.

Or. pl

Emenda 2336
Asger Christensen, Christine Singer

Proposta għal regolament
Artikolu 10a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 10a
	Artikolu 10(6)
	L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jagħtu pagament għal kull unità li jżid il-"kostijiet medji mġarrba u l-introjtu mitluf" b'mija fil-mija.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiżdied l-adozzjoni ta' dawn l-azzjonijiet u b'hekk tiġi ssodisfata d-domanda tas-soċjetà għal tranżizzjoni ekoloġika, il-bdiewa jeħtieġ li jiġu ppremjati b'mod sinifikanti lil hinn mill-kost imġarrab u mill-introjtu mitluf.

Emenda 2337
Krzysztof Hetman

Proposta għal regolament
Artikolu 10b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 10b

Appoġġ għall-introjtu għall-bdiewa involuti fil-produzzjoni kkombinata tal-għelejjel u tat-trobbija tal-bhejjem (azjendi mħallta)

Taħt dan l-intervent, l-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ addizzjonali għad-dħul lill-bdiewa attivi li l-operazzjonijiet tal-produzzjoni tat-trobbija tal-bhejjem tagħhom jinvolvu għalf tal-bhejjem li joriġina minn għelejjel imkabbra fl-azjendi tagħhom, u li jużaw fertilizzanti naturali mill-operazzjonijiet tagħhom tat-trobbija tal-bhejjem biex jiffertilizzaw l-art agrikola fl-azjendi tagħhom.

Or. pl

Emenda 2338
Luke Ming Flanagan, Konstantinos Arvanitis, Sebastian Everding, Anja Hazekamp
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 11	***imħassar***
Appoġġ akkoppjat għall-introjtu	
1.	
L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ akkoppjat għall-introjtu għall-bdiewa f'setturi u prodotti agrikoli speċifiċi, fejn rilevanti, kif definit f'konformità mal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, jew lil tipi speċifiċi ta' biedja f'dawn l-istess setturi u prodotti, li jgħaddu minn diffikultajiet u li huma importanti għal raġunijiet soċjoekonomiċi jew ambjentali.	
L-appoġġ akkoppjat għall-introjtu għandu jieħu l-forma ta' pagament annwali għal kull ettaru eliġibbli jew għal kull annimal jew għal kull ekwivalenti tal-annimali, definit f'konformità mal-Anness II.	

L-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ fil-forma ta' pagament għal kull ettaru biss għaż-żoni li jkunu ddeterminaw bħala ettari eliġibbli f'konformità mal-Artikolu 6(7).

L-appoġġ mogħti bħala pagament għal kull ettaru jista' jinkludi appoġġ għall-masġar b'newba qasira u għall-ħaxix u foraġġ erbaċew ieħor. L-appoġġ ma għandux jingħata lis-setturi tat-tabakk u tal-inbid.

L-appoġġ mogħti bħala pagament għal kull annimal għandu jkun limitat għas-setturi taċ-ċanga u tal-vitella, tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib, tal-laħam tan-nagħaġ u tal-mogħoż, tal-prodotti tal-apikultura u tad-dud tal-ħarir.

2. Abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji, l-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jindirizza l-ħtiġijiet tal-introjtu addizzjonali.

3. Meta jippjanaw l-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jimminimizzaw l-impatt potenzjali tad-deċiżjonijiet ta' appoġġ tagħhom fuq is-suq intern.

4. Għall-appoġġ mogħti bħala pagament għal kull annimal lis-setturi tal-bhejjem, l-Istati Membri għandhom iqisu l-impatti ambjentali, inkluż billi jistabbilixxu kriterji ta' densità massima tal-bhejjem f'żoni vulnerabbli għan-nitrati.

Or. en

Emenda 2339
Katarína Roth Neveďalová, Erik Kaliňák

Proposta għal regolament
Artikolu 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 11	***imħassar***

Appoġġ akkoppjat għall-introjtu

1.

L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ akkoppjat għall-introjtu għall-bdiewa f'setturi u prodotti agrikoli speċifiċi, fejn rilevanti, kif definit f'konformità mal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, jew lil tipi speċifiċi ta' biedja f'dawn l-istess setturi u prodotti, li jgħaddu minn diffikultajiet u li huma importanti għal raġunijiet soċjoekonomiċi jew ambjentali.

L-appoġġ akkoppjat għall-introjtu għandu jieħu l-forma ta' pagament annwali għal kull ettaru eliġibbli jew għal kull annimal jew għal kull ekwivalenti tal-annimali, definit f'konformità mal-Anness II.

L-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ fil-forma ta' pagament għal kull ettaru biss għaż-żoni li jkunu ddeterminaw bħala ettari eliġibbli f'konformità mal-Artikolu 6(7).

L-appoġġ mogħti bħala pagament għal kull ettaru jista' jinkludi appoġġ għall-masġar b'newba qasira u għall-ħaxix u foraġġ erbaċew ieħor. L-appoġġ ma għandux jingħata lis-setturi tat-tabakk u tal-inbid.

L-appoġġ mogħti bħala pagament għal kull annimal għandu jkun limitat għas-setturi taċ-ċanga u tal-vitella, tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib, tal-laħam tan-nagħaġ u tal-mogħoż, tal-prodotti tal-apikultura u tad-dud tal-ħarir.

2. Abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji, l-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jindirizza l-ħtiġijiet tal-introjtu addizzjonali.

3. Meta jippjanaw l-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jimminimizzaw l-impatt potenzjali tad-deċiżjonijiet ta' appoġġ tagħhom fuq is-suq intern.

4. Għall-appoġġ mogħti bħala pagament għal kull annimal lis-setturi tal-bhejjem,

l-Istati Membri għandhom iqisu l-impatti ambjentali, inkluż billi jistabbilixxu kriterji ta' densità massima tal-bhejjem f'żoni vulnerabbli għan-nitrati.

Or. en

Emenda 2340
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ akkoppjat għall-introjtu għall-bdiewa f'setturi u prodotti agrikoli speċifiċi, fejn rilevanti, kif definit f'konformità mal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, jew lil tipi speċifiċi ta' biedja f'dawn l-istess setturi u prodotti, li jgħaddu minn diffikultajiet u li huma importanti għal raġunijiet soċjoekonomiċi jew ambjentali.	L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ akkoppjat għall-introjtu għall-bdiewa f'setturi u prodotti agrikoli speċifiċi, fejn rilevanti, kif definit f'konformità mal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, jew lil tipi speċifiċi ta' biedja f'dawn l-istess setturi u prodotti, li jgħaddu minn diffikultajiet u li huma importanti għal raġunijiet soċjoekonomiċi jew ambjentali. ***Fil-limiti tar-regoli tad-WTO dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli u sussidji agrikoli, fil-każ ta' prodotti agrikoli li fir-rigward tagħhom l-Istat Membru jkun irrikonoxxa sitwazzjoni ta' kriżi, l-Istati Membri jistgħu jużaw ir-riżorsi tax-Xibka ta' Sikurezza fl-Għaqda biex jikkumpensaw għad-differenzi medji bejn il-kostijiet u l-introjtu li jaqbżu l-20 % billi jżidu l-appoġġ akkoppjat. Jekk l-introjtu jaqbeż l-20 % tal-kostijiet, l-appoġġ akkoppjat għandu jiġi sospiż. L-istimi tal-introjtu u tal-kostijiet medji għandhom jiġu stabbiliti kull sena fil-livell nazzjonali minn istituti ta' riċerka rikonoxxuti.***

Or. ro

Emenda 2341

Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ akkoppjat għall-introjtu għall-bdiewa f'setturi u prodotti agrikoli speċifiċi, fejn rilevanti, kif definit f'konformità mal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, jew lil tipi speċifiċi ta' biedja f'dawn l-istess setturi u prodotti, li jgħaddu minn diffikultajiet u li huma importanti għal raġunijiet soċjoekonomiċi jew ambjentali.	L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ akkoppjat għall-introjtu għall-bdiewa f'setturi u prodotti agrikoli speċifiċi, fejn rilevanti, kif definit f'konformità mal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, jew lil tipi speċifiċi ta' biedja f'dawn l-istess setturi u prodotti, li jgħaddu minn diffikultajiet u li huma importanti għal raġunijiet soċjoekonomiċi***, territorjali, ta' produzzjoni*** jew ambjentali, ***b'mod partikolari f'setturi li huma vulnerabbli jew strateġiċi għas-sigurtà tal-ikel, għaż-żamma tal-attività agrikola u għall-vitalità taż-żoni rurali, inklużi t-trobbija tal-bhejjem, il-ġewż, it-trobbija tan-naħal, il-ġirasol u l-kultivazzjoni taż-żebbuġ f'żoni b'limitazzjonijiet naturali jew b'limitazzjonijiet speċifiċi oħra.***

Or. es

Ġustifikazzjoni

L-appoġġ akkoppjat huwa għodda essenzjali biex jiġu appoġġati setturi vulnerabbli u strateġiċi. F'setturi bħat-trobbija tal-bhejjem, il-ġewż, it-trobbija tan-naħal, il-ġirasol u l-imsaġar taż-żebbuġ fil-muntanji, dan l-appoġġ huwa kruċjali biex jinżammu l-produzzjoni, l-impjiegi, in-nisġa rurali u s-sigurtà tal-ikel. It-test ma għandux idgħajjifhom permezz ta' approċċ restrittiv iżżejjed jew fakultattiv.

Emenda 2342
Dario Nardella, André Franqueira Rodrigues, Cristina Maestre, Eric Sargiacomo, Stefano Bonaccini, Claire Fita, Marko Vešligaj, Elena Sancho Murillo, Maria Noichl, Camilla Laureti

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ akkoppjat għall-introjtu għall-bdiewa f'setturi u prodotti agrikoli speċifiċi, fejn rilevanti, kif definit f'konformità mal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, jew lil tipi speċifiċi ta' biedja f'dawn l-istess setturi u prodotti, li jgħaddu minn diffikultajiet u li huma importanti għal raġunijiet soċjoekonomiċi jew ambjentali.	L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ akkoppjat għall-introjtu għall-bdiewa f'setturi u prodotti agrikoli speċifiċi, fejn rilevanti, kif definit f'konformità mal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, jew lil tipi speċifiċi ta' biedja f'dawn l-istess setturi u prodotti, ***inkluż l-għelejjel li fihom il-proteini,*** li jgħaddu minn diffikultajiet u li huma importanti għal raġunijiet soċjoekonomiċi jew ambjentali. ***L-Istati Membri ma għandhomx ikunu meħtieġa juru d-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom b'rabta mal-għelejjel li fihom il-proteini.***

Or. en

Emenda 2343
Marta Wcisło

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ akkoppjat għall-introjtu għall-bdiewa f'setturi u prodotti agrikoli speċifiċi, fejn rilevanti, kif definit f'konformità mal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, jew lil tipi speċifiċi ta' biedja f'dawn l-istess setturi u prodotti, li jgħaddu minn diffikultajiet u li huma importanti għal raġunijiet soċjoekonomiċi jew ambjentali.	L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ akkoppjat għall-introjtu għall-bdiewa f'setturi u prodotti agrikoli speċifiċi, fejn rilevanti, kif definit f'konformità mal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, jew lil tipi speċifiċi ta' biedja f'dawn l-istess setturi u prodotti, li jgħaddu minn diffikultajiet u li huma importanti għal raġunijiet soċjoekonomiċi jew ambjentali. ***L-Istati Membri ma għandhomx ikunu meħtieġa juru d-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom b'rabta mal-għelejjel li fihom il-proteini.***

Or. en

Emenda 2344
Krzysztof Hetman

Proposta għal regolament

Artikolu 11 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ akkoppjat għall-introjtu għall-bdiewa f'setturi u prodotti agrikoli speċifiċi, fejn rilevanti, kif definit f'konformità mal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, jew lil tipi speċifiċi ta' biedja f'dawn l-istess setturi u prodotti, li jgħaddu minn diffikultajiet u li huma importanti għal raġunijiet soċjoekonomiċi jew ambjentali.	L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ akkoppjat għall-introjtu għall-bdiewa f'setturi u prodotti agrikoli speċifiċi, fejn rilevanti, kif definit f'konformità mal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, jew lil tipi speċifiċi ta' biedja f'dawn l-istess setturi u prodotti, li jgħaddu minn diffikultajiet u li huma importanti għal raġunijiet soċjoekonomiċi jew ambjentali. ***L-Istati Membri ma għandhomx ikunu meħtieġa juru d-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom b'rabta mal-għelejjel li fihom il-proteini.***

Or. en

Emenda 2345
Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri ***għandhom*** jipprovdu appoġġ akkoppjat għall-introjtu għall-bdiewa f'setturi u prodotti agrikoli speċifiċi, fejn rilevanti, kif definit f'konformità mal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, jew lil tipi speċifiċi ta' biedja f'dawn l-istess setturi u prodotti, ***li jgħaddu minn*** diffikultajiet u li huma ***importanti għal raġunijiet soċjoekonomiċi*** jew ***ambjentali***.	L-Istati Membri ***jistgħu*** jipprovdu appoġġ akkoppjat għall-introjtu għall-bdiewa f'setturi u prodotti agrikoli speċifiċi, fejn rilevanti, kif definit f'konformità mal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, jew lil tipi speċifiċi ta' biedja f'dawn l-istess setturi u prodotti, ***meta tali setturi jew tipi ta' biedja jkunu qed jiffaċċjaw*** diffikultajiet u li huma ***ta' importanza soċjoekonomika*** jew ***ambjentali sinifikanti***.

Or. en

Emenda 2346
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri ***għandhom*** jipprovdu appoġġ akkoppjat għall-introjtu għall-bdiewa f'setturi u prodotti agrikoli speċifiċi, fejn rilevanti, kif definit f'konformità mal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, jew lil tipi speċifiċi ta' biedja f'dawn l-istess setturi u prodotti, li jgħaddu minn diffikultajiet u li huma importanti għal raġunijiet soċjoekonomiċi jew ambjentali.	L-Istati Membri ***jistgħu*** jipprovdu appoġġ akkoppjat għall-introjtu għall-bdiewa f'setturi u prodotti agrikoli speċifiċi, fejn rilevanti, kif definit f'konformità mal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, jew lil tipi speċifiċi ta' biedja f'dawn l-istess setturi u prodotti, li jgħaddu minn diffikultajiet u li huma importanti għal raġunijiet soċjoekonomiċi jew ambjentali.

Or. de

Emenda 2347
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri ***għandhom*** jipprovdu appoġġ akkoppjat għall-introjtu għall-bdiewa f'setturi u prodotti agrikoli speċifiċi, fejn rilevanti, kif definit f'konformità mal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, jew lil tipi speċifiċi ta' biedja f'dawn l-istess setturi u prodotti, li jgħaddu minn diffikultajiet u li huma importanti għal raġunijiet soċjoekonomiċi jew ambjentali.	L-Istati Membri ***jistgħu*** jipprovdu appoġġ akkoppjat għall-introjtu għall-bdiewa f'setturi u prodotti agrikoli speċifiċi, fejn rilevanti, kif definit f'konformità mal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, jew lil tipi speċifiċi ta' biedja f'dawn l-istess setturi u prodotti, li jgħaddu minn diffikultajiet u li huma importanti għal raġunijiet soċjoekonomiċi jew ambjentali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-appoġġ akkoppjat dejjem kien fakultattiv għall-Istati Membri peress li d-diżakkoppjament (parzjali) tal-pagamenti ġie implimentat fl-2003. Dan huwa appoġġjat ukoll mill-opinjoni tal-Kumitat ENVI.

Emenda 2348
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri ***għandhom*** jipprovdu appoġġ akkoppjat għall-introjtu għall-bdiewa f'setturi u prodotti agrikoli speċifiċi, fejn rilevanti, kif definit f'konformità mal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, jew lil tipi speċifiċi ta' biedja f'dawn l-istess setturi u prodotti, li jgħaddu minn diffikultajiet u li huma importanti għal raġunijiet soċjoekonomiċi jew ambjentali.	L-Istati Membri ***jistgħu*** jipprovdu appoġġ akkoppjat għall-introjtu għall-bdiewa f'setturi u prodotti agrikoli speċifiċi, fejn rilevanti, kif definit f'konformità mal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, jew lil tipi speċifiċi ta' biedja f'dawn l-istess setturi u prodotti, li jgħaddu minn diffikultajiet u li huma importanti għal raġunijiet soċjoekonomiċi jew ambjentali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-appoġġ volontarju akkoppjat kif inhu l-każ fil-qafas attwali tal-PAK jippreżerva l-flessibbiltà nazzjonali biex jiġu appoġġjati setturi li huma ekonomikament jew ambjentalment importanti mingħajr il-ħtieġa ta' pagamenti marbuta mal-produzzjoni fejn ma jkunux meħtieġa jew ikunu kontroproduttivi fid-dawl tal-kundizzjonijiet ambjentali lokali jew il-ħtiġijiet tas-suq.

Emenda 2349
Asger Christensen, Emma Wiesner

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri ***għandhom*** jipprovdu appoġġ akkoppjat għall-introjtu għall-bdiewa f'setturi u prodotti agrikoli speċifiċi, fejn rilevanti, kif definit f'konformità mal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, jew lil tipi speċifiċi ta' biedja f'dawn l-istess setturi u prodotti, li jgħaddu minn diffikultajiet u li huma importanti għal raġunijiet soċjoekonomiċi jew ambjentali.	L-Istati Membri ***jistgħu*** jipprovdu appoġġ akkoppjat għall-introjtu għall-bdiewa f'setturi u prodotti agrikoli speċifiċi, fejn rilevanti, kif definit f'konformità mal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, jew lil tipi speċifiċi ta' biedja f'dawn l-istess setturi u prodotti, li jgħaddu minn diffikultajiet u li huma importanti għal raġunijiet soċjoekonomiċi jew ambjentali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-appoġġ akkoppjat huwa distorsiv ħafna għall-kummerċ u jimmina s-suq uniku u l-kundizzjonijiet ekwi. Konsegwentement, dan ma għandux ikun obbligatorju għall-Istati Membri li jkollhom dan it-tip ta' appoġġ.

Emenda 2350
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan, Arash Saeidi

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri ***għandhom*** jipprovdu appoġġ akkoppjat għall-introjtu għall-bdiewa f'setturi u prodotti agrikoli speċifiċi, fejn rilevanti, kif definit f'konformità mal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, jew lil tipi speċifiċi ta' biedja f'dawn l-istess setturi u prodotti, li jgħaddu minn diffikultajiet u ***li huma*** importanti għal raġunijiet ***soċjoekonomiċi jew*** ambjentali.	L-Istati Membri ***jistgħu*** jipprovdu appoġġ akkoppjat għall-introjtu għall-bdiewa f'setturi u prodotti agrikoli speċifiċi, fejn rilevanti, kif definit f'konformità mal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, jew lil tipi speċifiċi ta' biedja f'dawn l-istess setturi u prodotti, li jgħaddu minn diffikultajiet ***mhux mistennija*** u ***biss meta dawn ikunu*** importanti għal raġunijiet ambjentali.

Or. en

Emenda 2351
Stefano Bonaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ akkoppjat għall-introjtu għall-bdiewa f'setturi u prodotti agrikoli speċifiċi, fejn rilevanti, kif definit f'konformità mal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, jew lil tipi speċifiċi ta' biedja f'dawn l-istess setturi u prodotti***,** ***li jgħaddu minn diffikultajiet u li huma***	L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ akkoppjat għall-introjtu għall-bdiewa f'setturi u prodotti agrikoli speċifiċi, fejn rilevanti, kif definit f'konformità mal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, jew lil tipi speċifiċi ta' biedja f'dawn l-istess setturi u prodotti

importanti għal raġunijiet soċjoekonomiċi jew ambjentali.	***meta dawn ikunu*** importanti għal raġunijiet soċjoekonomiċi jew ambjentali.

Or. en

Emenda 2352
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Fil-limiti tar-regoli tad-WTO dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli u sussidji agrikoli, meta Stat Membru jirrikonoxxi sitwazzjoni ta' kriżi għal ċerti prodotti agrikoli, huwa għandu jkun awtorizzat, mir-riżorsi tar-riżerva għall-kriżijiet, li jikkumpensa għad-differenzi medji bejn il-kostijiet u d-dħul ta' aktar minn 20 % billi jżid l-għajnuna akkoppjata. Meta d-dħul jaqbeż il-kostijiet b'aktar minn 20 %, l-għajnuna akkoppjata għandha tiġi sospiża. L-istima tal-kostijiet u tad-dħul medju għandha tiġi definita kull sena fil-livell nazzjonali minn istituzzjonijiet ta' riċerka rikonoxxuti.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tippermetti l-użu ta' għajnuna akkoppjata biex tlaħħaq ukoll mal-varjazzjonijiet fil-prezzijiet tal-prodotti agrikoli. Madankollu, din hija miżura ta' emerġenza. Sabiex jiġu żgurati l-oġġettività u t-trasparenza tal-mekkaniżmu, l-istima tad-dħul u tal-kostijiet medji hija definita kull sena fil-livell nazzjonali minn istituti ta' riċerka rikonoxxuti.

Emenda 2353
Jérémy Decerle, Laurence Farreng, Stéphanie Yon-Courtin, Grégory Allione, Pascal Canfin

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-pagamenti akkoppjati huma allokati bħala parti mill-istrateġiji settorjali mfassla mill-Istat Membru għas-settur inkwistjoni, bl-għan li dak is-settur jissaħħaħ u jiġi strutturat. Minbarra l-pagamenti akkoppjati għall-bdiewa attivi, l-istrateġiji settorjali jinkludu miżuri oħra mfassla apposta biex jiżguraw l-organizzazzjoni tal-produzzjoni u tal-ipproċessar, kif ukoll il-prestazzjoni ekonomika, ambjentali u soċjali tas-settur ikkonċernat, bħall-appoġġ jew l-inċentivi għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi, l-arranġamenti kuntrattwali, l-innovazzjoni, it-taħriġ, il-kondiviżjoni tal-għarfien jew il-promozzjoni tal-prodotti.

Or. en